

# Leħen il-Malti

ALL SORTS OF EDUCATIONAL AND ECCLESIASTICAL BOOKS

CAN BE OBTAINED FROM

**A. C. AQUILINA & CO.**

45D, KINGSWAY, VALLETTA.

---

# PAUL TALIANA

WATCH-MAKER AND REPAIRER

24, St. JOHN STREET — VALLETTA.

**A Large Assortment of Watches and First Class Repairing.**

---



# LEHEN IL-MALTI

Editur: *Prof. G. Aquilina, B.A., LL.D., Ph.D. (Lond.)*

IL-XXI SENA — LULJU-DIĊEMBRU, 1951 — Għadd 245-250

DAN IL-GĦADD FIH:—

L-EDITUR: Il-Kitba — Xjenza u Sengħa — MARĊELL MIZZI: Hemm Bżonn ta' Magazine Malti *u* Kitba għall-Flus — ĠIAĊINTO TUA: Saħta — E. AGIUS: *Einstein* — K. VASSALLO: *Il-Wied taż-Żebbuġi* — J. MEJLAK: *Suite* — J. FENECH ADAMI: It-Teknika tar-Rumanz — ĠORĠ CHETCUTI: In-Novella fil-Letteratura — G. GHIGO, S.J.: Kant Popolari bil-Malti — G. CASSAR PULLICINO: Ġan Anton Vassallo. —

Werrej 1951.

# Il-Kitba Hija Xjenza u Sengħa Wkoll

mill-EDITUR

*Il-kitba, barra milli hija sengħa, hija wkoll xjenza. Hija xjenza għax biex troddha trid titgħallem sewwa r-regoli tagħha u hija sengħa għax barra li tkun taf ir-regoli tagħha trid tkun taf ukoll tiktibha bil-ħlewwa u l-għaqal. Ħalli nagħtikom eżempju mill-bini. Min jibni dar qabel irid ikun jaf is-sengħa — jifhem fil-ġebla, fil-qisien, wil-tqegħid ta' ġebla fuq oħra skond il-pjanta b'mod li l-pjż tal-ġebel jitqassam sewwa u ma jintelaqx fuq waħda aktar milli fuq oħra għax inkella din terħi wil-bini jaqa'. Imma barra dan irid ikun jaf ukoll l-arkitettura, is-sengħa tat-tisbiħ għax inkella l-bini jkun ikraħ u min joqgħod fih jibda jistħajjel li qiegħed igħix aktar f'maqjel bħall-bhejjem milli f'dar li tixraq lin-nies.*

*Hekk ukoll fil-kitba — mhux biżżejjed tkun taf ir-regoli tal-grammatika wis-sintassi, it-tarbit ta' sentenza ma' oħra, l-idjomi u l-bqija l-oħra ta' tagħlim l-ilsien, għax wara li tkun taf dan kollu trid tkun taf ukoll tfisser ruħek sewwa, ċar u qawwi; torbot sentenza ma' oħra bis-sengħa, dik is-sengħa li bħall-arkitettura issebbah il-bini tal-kitba. Inkella, biex nerġa' nsemmilkom l-istess eżempju, il-kitba tagħna ma jkollhiex ġmiel x'jagħżilha minn kull tlablib fieragħ.*

*Mela biex tikteb tajjeb trid tkun taf sewwa l-morfoloġija wis-sintassi tal-lingwa, f'kelma waħda l-Grammatika u s-sengħa tal-Istil, li tissejjaħ ukoll Rettorika. Ir-Rumani lis-sengħa tal-istil kienu jagħtuha importanza kbira ħafna. Dawn il-kitba tagħhom kienu jħobbuha mżejjna bir-ritmu, li huma kienu jsejjħu* numerus, u *nu-*

merosus *kien jissejjah dak il-perijodu li meta taqrah idoqq ħelu fil-widna. Fost l-aqwa stilisti Latini għandna lil Kwintiljanu, u lill Ċiċerun. Tal-ewwel twieled Spanja xi 40 sena wara Kristu imma tat-tieni, aktar magħruf minnu miż-żgħażagħ tagħna li studjaw il-Latin fl-iskola, twieled f'Arpinum, fit-3 ta' Jannar, 106 sena qabel Kristu. Dawn iż-żewġ imgħallma bejniethom tawna l-aqwa tagħlim dwar l-istil sabiħ tal-Latin miktub mhux ħorrox borrox, kif ħafna jiktbu illum, imma b'dik il-ħlewwa li tiġi mis-sengħa ta' min jaf il-lingwa sewwa u jaf iħaddem is-setgħat tagħha kollha.*

*Dari aktar mill-lum it-tagħlim tar-Rettorika kien miżmum fil-qima li jixraqlu — Universitajiet kellhom il-Katedri tagħhom tar-Rettorika. Fost dawn insibu dik ta'* Edinburgh. *Wieħed mill-Professuri li okkupa din il-Katedra fis-seklu li għadda kien Hugh Blair, u dan ħallielna ġabra ta' lezzjonijiet għorrief li hu semma 'Lectures on Rhetoric and Belles Lettres'. Meta x-xjenzjat beda jsir kittieb ukoll l-istima għar-Rettorika naqset ħafna. Ħafna xjenzati, għaliex ma kenux jinqalgħu għall-kitba, qalu li r-Rettorika jew aħjar l-istil ma hux ħlief tiżjin li ma għandu x'jaqsam xejn ma' dak li għandhom xi jgħidu. Biżżejjed il-fatti — kull tiżjin inaqqashom, u mhux iżidhom jista'.*

*Li l-fatti tax-Xjenza m'għandhomx ikunu miżjudin mill-immaġinazzjoni aħna nifhmu — naqblu magħhom, imma mbagħad ma naqblux li x-xjenzat li jrid ifisser ruħu ma għandux jieħu ħsieb l-istil jonkella li għandu jħarbat il-lingwa li jikteb biha għall-għaż għax ma għoġbux jitgħallem ifisser ruħu.*

*Xejn tistagħġbu li x-xjenzati għorrief ma jafux jiktbu sewwa. M'iluxx wisq kont qrajt li Bord ta' Edituri ta' kotba xjentifiċi kellhom iqabbdu min jieħu ħsieb il-kitba ta' xi xjenzati għax din kienet miktuba ħażin ħafna. Ix-xjenzat jitgħallem sengħa u ma jitgħallemx oħra. Jitgħallem ix-xjenza tal-fatti tiegħu imma ma jitgħallemx ix-xjenza tal-lingwa li jinqeda biha u għalhekk meta jiġi biex jikteb tista' taħseb xi ġmiel joħroġ, xi stil jinqala' mill-pinna tiegħu.*

*Mhux ix-xjenzati kollha neqsin mill-ħila li jfissru ruħhom sewwa. Insemmilkom wieħed fost oħrajn — l-astronomu Ingliż Jeans. Aqraw il-ktieb sabiħ tiegħu* The Mysterious Universe, *u taraw kif il-ħila li għandu jħaddem l-ilsien Ingliż tiswielu ħafna biex igħallem bosta fatti astronomiċi li qatt ma kont titgħallimhom kieku flok l-istil konkret tal-lingwa mitħaddta sabiħ u tal-metafori tak il-lingwa astratta tal-formuli astronomiċi.*

*Sir Arthur Quiller-Couch fil-ktieb tiegħu* On the Art of Writing *għandu taħdita fuq* The Practice of Writing, *li kien għamel lill-istudenti tiegħu fl-Università ta' Cambridge. F'din il-lezzjoni sabiħa huwa jitkellem bil-qawwa kollha fuq il-ħtieġa tal-istil tajjeb jekk aħna rridu li dak li ngħidu jkun jistħoqqlu jinqara minn nies ta' gost tajjeb. U biex isaħħaħ il-fehma tiegħu isemmi wkoll xi jgħid*

*fuq hekk Cardinal Newman li kiteb sewwa ħafna fuq il-ħlieġa tal-istil tajjeb fil-kitba tagħna. Cardinal Newman u Sir Arthur Quiller-Couch huma t-tnejn kittieba li tieħu pjaċir taqrahom għax dak li kitbu kitbuh bil-gost ta' nies edukati — kitbu mhux ħorrox borrox imma kitbu biex igħallmu u jogħġbu wkoll.*

*Dak li kitbu fuq dan is-suġġett dawn iż-żewġ awturi kitbuh l-aktar għall-ilsien Ingliż, imma l-prinċipji msemmija minnhom igħoddu għal kull lingwa, u għalhekk il-kittieba tal-Malti u ta' kull ilsien ieħor għandhom x'jitgħallmu ħafna minn għandhom. Dawk il-kittieba li jridu jiktbu kif jixraq, li jridu li l-kitba tagħhom ma jġorrhiex miegħu ż-żmien u jarmiha mal-ħafna rimi li ilu jiknes minn seklu għal ieħor, jaqblilhom jiżnu l-fehmiet tagħhom u japplikaw il-prinċipji għall-Malti; u jekk jiktbu b'xi lingwa oħra japplikawhom għal dik il-lingwa wkoll. Dal-aħħar l-istil tħassar ħafna mhux biss imħabba l-kitba tax-xjenzati imma wkoll imħabba l-kitba ġurnalistika, kitba sensazjonali u mħabba l-kitba offiċjali komplikata — żewġ kitbiet li bl-Ingliż jissejħu* journalese *u* officialese.

*Ħames snin ilu mill-istamperija ta'* His Majesty's Stationery Office *ħareġ ktieb jismu* Plain Words. *L-awtur huwa Sir Ernest Gowers li minn dak inhar 'l hawn raġa' ħareġ ktieb ieħor,* ABC *of* Plain Words, *li għadu ma ġiex f'idejja. Dan il-ktieb iwiddeb lill-offiċjali tal-Gvern biex ma jibqgħux iħawwdu lill-pubbliku b'ħafna frazjoloġija komplikata, biex ħaġa li jistgħu jgħiduha bi kliem anqas u aktar ċar ma jdawwruhiex b'ħafna kliem tqil jew astrus li jibagħtuhom għand nies legali biex ifissrulhom dak li lanqas huma ma jistgħu jkunu żguri minnu. Dal-ktieb igħodd ħafna għall-offiċjali tagħna li bosta drabi jikkopjaw din it-terminoloġija Ingliża mħawda li min jaħseb ċar imissu jaf jissimplifikaha b'mod li jiftiehem bl-anqas taħbit tal-moħħ.*

*X'inhu l-istil fl-aħħar mill-aħħar? L-istil huwa l-bniedem — kif il-bniedem, hekk l-istil. Jekk il-bniedem jaħseb ċar u jaf jipperswadi, l-istil ikun ċar u perswasiv; jekk il-bniedem moħħu mhux ċar, l-istil ikun imħawwad bħal moħħu. Mela l-istil qisu l-ilma ta' ġol-flixkun li jieħu l-lewn ċar jew imdennes tal-ħġieġ li jagħalqu ġo fih. Issa biex taħseb ċar u b'mod perswasiv huwa meħtieġ qabel xejn li jkollok idea ċara ta' dak li ser tgħid, li jkollok kliem biżżejjed biex tfisser ruħek sewwa u tkun int stess temmen f'dak li tkun ser tgħid. Għalhekk nistgħu ngħidu li s-sinċerità hija waħda missetgħat moħbija ta' stil tajjeb. L-istil mhux ħaġa li titgħallimha bħalma titgħallem ir-regoli tat-taqbil tal-verb mas-soġġett u reguli oħra tal-Grammatika. Ir-raġuni hi li, kif għadni kif għedtilkom, l-istil huwa persunali u kif ngħidu bil-Malti, 'ħadd m'hu bħal ħadd'. Imma mbagħad jiswa ħafna għall-ħakma ta' stil tajjeb l-istudju tal-aħjar modelli. Mela naqraw l-aħjar kittieba, aħna nħossu qawwa ħierġa mill-kitba tagħhom li tqajjem qawwa oħra ġo*

*fina — ġenju jħajjar lil ieħor, bil-qari noħolqu atmosfera għall-aħjar setgħat tagħna. Dak li jaqra l-aħjar modelli biex jikkupjahom biss ma jkollux ħajja tiegħu — ikun kopja wil-kopja hija dejjem anqas sabiħa mill-oriġinal għax mbagħad min ser jitlaq l-oriġinal biex jieħu l-kopja, min ser jitlaq warda naturali biex flokha jieħu warda artifiċjali?*

*Fl-Università ta' Oxford għandhom skola ta'* Literae Humaniores. *L-istudenti ta' din l-iskola jiktbu* essay *ta' kull ġimgħa, jagħtuh lit-*tutor *tagħhom, u dan jiddiskuti magħhom il-kontenut wil-forma tiegħu. Bis-saħħa ta' dan it-tagħlim minn Oxford joħorġu ħafna kittieba u ġurnalisti li jafu jiktbu sewwa. F'Cambridge hemm il-*King Edward VII Professor of English Literature, *katedra li okkupawha studjużi ta' ħila kbira, fost dawn Sir Arthur Quiller-Couch li semmejtilkom. Ma jistax jonqos, mela, li kif qal Sir Arthur Quiller-Couch, l-aqwa kittieba Ingliżi ma joħorġux mill-Universitajiet. U jsemmi mill-aħħar mitt sena 'l hawn lil Coleridge, Wordsworth, Byron, Shelley, Landor, Tennyson, Arnold, Morris u Swinburne— lista sabiħa u mhix kollha, għalkemm bħal kull regula għandha l-eċċezzjonijiet kbar tagħha, fosthom Rossetti, Keats u Browning, li ma ħarġux minn Università.*

*Mit-22 poeta Malti li jiena irrappreżentajt fil-*Muża Maltija, *tmienja biss ħarġu mill-Università; u fost dawn ma nsibux l-aqwa poeta tagħna Dun Karm Psaila, li huwa prodott tas-Seminarju tal-Isqof. Ir-raġuni hi li l-Malti ma ilux jintgħallem wisq fl-Università u għalhekk biex nagħtu idea sħiħa tal-kontribuzjoni poetika tal-Università naraw wkoll l-antoloġija* Poeti Maltesi d'Oggi, *ta' Oreste Ferdinando Tencajoli, stampata Ruma fl-1932. Mill-14 il-poeta rappreżentati, ħdax ħarġu mill-Università tagħna. Id-differenza fl-għadd wil-poeti turi d-differenza fix-xejra tal-istudji lingwistiċi dawn l-aħħar snin. Fl-Università ta' Oxford studjużi tal-letteratura Ingliża jistgħu jitħarrġu fil-kitba t-tajba għax imbarra l-professur għandhom it-*tutor. *Is-sistema tat-*tutorship *għadu ma daħalx hawn Malta, fejn il-kunċett ta' Professur għadu daqsxejn elementari. Imma għalkemm ma għandniex il-mezzi meħtieġa biex inlaħħqu mal-għadd kbir ta' studenti, madankollu issa bil-qari ta' poeżiji u proża fl-għaqdiet letterarji tagħhom, issa bil-fehma personali li jitolbuna fuq xi kitba, aħna nagħmlu li nistgħu biex nagħtuhom idea tajba ta' stil letterarju. Ngħallmuhom iħaddmu l-kelma miktuba bis-sengħa li toħroġ mill-pinna mħarrġa fir-reguli tal-grammatika, tal-idjoma, u tar-ritmu; u fuq kollox fil-ħsieb. Il-kitba tal-*essays *li nagħtu għall-eżamijiet fil-korsijiet għoljin, l-aktar f'dawk li jwasslu għall-grad fil-Fakoltà tal-Arti, huma l-aħjar mezz biex inkunu nafu jekk iż-żgħażagħ kittieb wasalx biex bħal bennej, jitgħallem mhux biss is-sengħa tal-bini tal-kliem, imma, bħall-arkitett ukoll, is-sengħa tat-tiżjin tal-*

*bini — dak it-tiżjin li jsebbaħ u jgħaxxaq għal dejjem għax,* *kif qal Keats:*

*A thing of beauty is a joy for ever,*
*Its loveliness increases; it will never*
*Pass into nothingness.*

Stil sabiħ huwa ġawhra ta' ġmiel — *a thing of beauty.*

# Hemm Bzonn Ta' Magazine Malti

Jidhirli li wasal iż-żmien li l-kitba bil-Malti tixtered iżjed fost il-poplu. "Il-Malti" u "Leħen il-Malti" li joħorġu darba kull tlitt xhur, barra li l-materjal li fihom mhux mexxej biżżejjed, huma ftit wisq. Il-letteratura biex tikber trid bosta proża. Jekk inxebbhu l-kitba mal-biedja nistgħu ngħidu li l-proża hi x-xogħol li jsir qabel jilħaq il-wiċċ tal-qamħ, l-għeneb, u l-frott tas-sajf. Isir l-ewwel il-ksir u t-tidmil li fil-ħajja tal-moħħ hi l-għatx għall-għerf u l-ħeġġa għas-sbuħija. Il-poeżija mhix ħlief il-frotta żgħira li tiġbor fiha x-xogħol iebes ta' ħafna ħaddiema u t-togħma bnina tal-matmura tat-trab, tal-ilma w tax-xemx. Hemm bżonn ta' ħafna proża għax inkella l-poeżija aktarx tikber midbiela, ratba, u vojta minflok mimlija b'ħafna tifsir. Dawk li studjaw xi ftit il-poeżija ta' Dante u Shakespeare, T.S. Eliot jintebħu li hemm iżjed minn tifsira waħda. San Tumas fis-*Summa Theologica* u Dante f'ittra lil Can Grande della Scala isemmu l-erba' tifsiriet, letterali, allegoriku, morali w anagoġiku. Il-poeżija jsejħulha l-kwintessenza tal-proża għax barra l-mużika tal-versi ikun fiha dawn it-tifsiriet.

Anki l-ktiba karfa tiswa għal xi ħaġa. Il-karfa ta' kotba tal-kavallerija Spanjoli swiet biex minnha joħroġ id-Don Quijote ta' Cervantes. Kritiku Ingliż qal ximkien li l-ktiba li ma rnexxietx tixbaħ lill-blokka rħam li minnha skultur tajjeb joħloq statwa sabiħa, jew lil biċċa żonqor li ttajjar in-nar xħin tintlaqat mill-azzar ta' moħħ ieħor. L-arti timxi bl-imitazzjoni u bir-reazzjoni; Pope kompla mat-tradizzjoni ta' Dryden, Wordsworth u Coleridge qabdu triq oħra.

Il-letteratura tikber meta tixtered fost il-poplu. Fi żmien Dante kien hemm il-poeżija ġullareska u l-għana popolari tażżfin, l-innijiet imqaddsa tal-poplu, il-ġabriet tal-għerf għamla ta' poeżija (it-*Tesoretto* ta' Brunetto Latini) li minnhom tnisslu *Il Dolce Stil Novo* u d-*Divina Commedia.* Fi żmien Shapespeare in-nies ma kenitx taf taqra imma kienet tħobb tisma' u tnissel id-dramm. Minn żmien Milton sa żmien Addison kien hemm ruxxmata pamphlets (Milton, Defoe, Swift). Meta n-nies tgħal-

lmet taqra iżjed bdew il-ġurnali (Steele, Addison, Johnson, Goldsmith). Iżjed il quddiem meta n-nies barra li saret tħobb taqra kienet tixtri l-kotba wkoll ħarġu ħafna rumanzi. Dickens dam bosta żmien jippubblika r-rumanzi tiegħu biċċa biċċa, f'forma ta' perjodiku. Fostna l-Maltin il-kotba li xterdu l-iżjed huma l-Kotba tal-Mogħdija taż-Żmien u dawk ir-rumanzi karfa li kienu jitqassmu faxxiklu faxxiklu.

Biex in-nies tidra tixtri l-kotba jridu jkunu rħas u jkunu jingħoġbu. Ktieb imqassam fi tnas-il biċċa kull biċċa 6d. jinbiegħ iżjed minn ktieb sħiħ ta' 5s. L-edituri ta' dawk ir-rumanzi li semmejna kienu jafuh dan. U biex il-kittieb jibqa' jikteb irid idaħħal xi ħaġa tat-taħbit li jitħabat għax inkella l-ħeġġa tmurlu qabel ikun tħarreġ sewwa fis-sengħa tal-kitba. Naħseb għalhekk bil-Malti għandna biss il-ftit tajjeb w il-bqija nofsu nej. Il-kitba hi xogħol kontinwu (*full-time job*) u l-kittieba l-kbar — tibda minn Dante u Shakespeare u tispiċċa f'Ġużè Muscat-Azzopardi u Dun Karm — huma dawk li kellhom ħafna żmien biex jitħarrġu u jitrawmu sewwa. Dik li nsejħulha l-ispirazzjoni hi ħaġa misterjuża (*afflatus divinus*), imma donnha taħdem l-iżjed meta l-poeta jkollu ħobżu maħbuż u żejtu fil-kus (il-poeti Ingliżi tista' tgħid kollha marru Oxford jew Cambridge), u l-kittieb li jaqla' x'jiekol bil-kitba donnu jikteb aħjar u iżjed mill-kittieb li jkollu jistampa l-kotba tiegħu minn flusu għax ħadd ma jrid jintriga minnhom. Il-faqar u l-ġenju mhumiex ħbieb milli jidher minn Chatterton, John Clare u l-oħrajn li ħadd m'għadu jsemmi.

Il-kittieb ma jikt'bx għall-flus imma mhemm xejn aħjar mill-flus li jaqla' biex jagħraf li qed jikteb tajjeb. Il-ħlas hu l-aħjar prosit li l-qarrejja jistgħu jagħtuh. Meta fl-1935 il-Gvern għamel konkors tar-rumanzi avolja l-premijiet kienu żgħar ħafna inkitbu għadd ta' rumanzi fosthom erbgħa tajbin ħafna, u minn dawk li rebħu l-premijiet x'uħud għamlu l-qalb u kitbu kotba oħrajn.*

Fi ftit kliem biex il-kitba tal-Malti ssir ħobż ta' kuljum u mhux fjuri tas-serra jew namra ta' klikka, biex ikollna kotba li jekk ma jħabbtuhiex ma' dawk ta' letteraturi kbar talinqas jippreparawna biex nifhmuhom, u biex ikollna kull xorta ta' ktiba, poeżija, dramm, rumanzi, novelli u essays, u ħajja kulturali usa' hemm bżonn ta' perjodiku, l-ewwel ta' kull xahar, imbagħad ta' kull ħmistax u 'l quddiem ta' kull ġimgħa, li jinbiegħ talinqas 20,000 kopja. Min għandu xi ħjiel ta' kif jaħdmu s-*circulation departments* tal-magazines Ingliżi u Amerikani, jew jiftakar kif dawk il-faxxikoli li semmejna u xi perjodiċi popolari-reliġjużi kienu jixxerrdu, ma jarahiex bi kbira żżejjed dik

tal-għoxrin elf kopja. B'dan il-magazine u b'edizzjonijiet irħas tal-kotba Maltin tal-imgħoddi, u kotba barranin maqlubin, il-Maltin jidraw jixtru l-kotba ġodda wkoll.

MARCELL MIZZI.

* Heġġiġt kemm-il darba lill-Gvern, jew lill-Vigarji tiegħu, biex jerġa' jiftaħ il-Konkors. Għalxejn. Illum is-somma votata lid-Dipartiment tal-Edukazzjoni għax-xandir tal-kotba qed tinħela fuq irjus; u mhu joħroġ xejn sod bħal fi żmien Dr. Laferla.

(*L-Editur*).

# Kitba għall-Flus

(*Ħolma miktuba fuq l-istess suġġett 7 snin ilu*)

Kien irnexxieli nistampa kemm-il teftifa 'l hawn u 'l hemm ġol-gazzetti u l-*magazines* u kont indaħħal ħaqq-il karta u kemm nieħu kafè u pastizz tat-taħbit. Fuq ix-xogħol sħabi kienu jinbxuni b'li nkun ktibt l-aħħar u kien hemm min ried ilaqqamni filosfu jew poetun wkoll. Darba ktibt sunett fuq il-gwerra u bgħattu lill-Editur tax-"Xahri", li kien jurini daqsxejn wiċċ ħelu iżjed minn ħaddieħor. L-għada bagħtuli lura u qalli nikteb sensiela sunetti xi ħaġa bħal dawk ta' Carducci "Ca Ira", u wegħidni li jekk jirnexxili niktibhom kien lest biex joħroġhom pamflet. B'ħafna tbatija u taħbit u żmien is-sunetti lestejthom u bgħatthomlu, u bgħattlu wkoll daqs tletin poeżija oħra u ħriġna ktieb "Il-Għanja tal-Ġlieda w għanjiet oħra", edizzjoni ta' 500 ktieb li f'xahrejn inbiegħet kollha. Irġajna ħriġna edizzjoni ta' 2000 u n-nies baqgħet tixtrihom. Il-gazzetti mexxewh, irċevejt ittri ta' tifħir mingħand l-aqwa kittieba, u l-*publisher* bgħatli ċekk ta' £100 — qliegħ.

Dan kien l-ewwel suċċess tiegħi.

Wara l-Għanja tal-Ġlieda kont nirċievi ordnijiet minn hawn u minn hinn. Dan iwegħdni £10 biex niktiblu innu, dan £20 biex nibgħatlu novella, dak iridni nlestilu edizzjoni kritika ta' dan il-poeta u l-ieħor nagħmillu erba' kelmiet għal dak ir-rumanz. Bil-ftit il-ftit bdejt naqla' x'niekol bil-pinna u ħsibt u rajt li aħjar inħalli x-xogħol tal-*ledgers* u l-*bookkeeping* u ningħata għall-kitba biss.

Minn dak inhar 'l hawn stampajt ktieb ta' l-*essays*, ieħor novelli, ġabra oħra poeżiji, urejt u stampajt dramm, ktibt erba' rumanzi li stampajthom l-ewwel *serials*, imbagħad fi ktieb,

u ma nafx kemm-il artiklu u poeżiji mxerrda mal-gazzetti u l-*magazines* kollha.

L-iktar li naħdem filgħodu, mis-sitta sal-għaxra. Għandi ġnien żgħir, immur hemm għall-frisk, nieħu *pad* u l-*fountain-pen* u nikteb u nikteb. Ġejt li ktibt *short story* ta' 10,000 kelma, jew erba' kapitoli ta' ktieb f'ġurnata. Wara l-għaxra noħroġ, ngħaddi għand xi ħbieb, inħalli xi ħaġa għand l-Editur jew għand il-*publishers*, imbagħad nerġa' għad-dar, meta ma nkunx mistieden barra, niekol, nieħu għamza, u nerġa' 'l barra, għat-teatru jew it-talkies. Fis-sajf insiefer u nieħu l-arja u l-ispirazzjoni ta' l-Italja, tal-Bavarja, Vjenna, il-Lake District u nitħallat mal-kittieba tal-kontinent u nlesti xi ħaġa mibdija jew naħżen għalli ġej.

Hekk hi l-ħajja tiegħi ta' kittieb. Ħajja bħall-oħrajn, imma l-ħajja li tgħodd l-iktar għalija u li biha jidhirli li għamilt l-iżjed ġid. Forsi tajt xi ftit gost bl-istejjer tiegħi lill-ħaddiem għajjien jew lit-tifel imxabba' mill-*algebra* u l-*hydrostatics*. Forsi ferraħtu għax fissirtlu ħwejjeġ li kien jaf bihom iżda le xinhuma. Forsi dawwalt lil xi ħadd bil-ftit dawl tiegħi. Forsi ma għamilt xejn minn dan kollu.

Il-bidu kien dak il-ktieb żgħir ta' 60 faċċata, l-ideja kienet tas-Sur Qalbkbira, l-Editur tax"Xahri" li għadni nħobbu u nqimu sallum.

MARĊELL MIZZI.

# Saħta

(*Novella ta'* Ġiaċinto Tua).

Ħalef u seħet fil-waqt li kien wieqaf fuq l-għatba.

U r-riħ sefsiflu f'widnejh ħalf u dagħa; u x-xita sawtitu w għannietlu l-mibegħda: u n-nies li għaddew minn ma' ġenbu, għalih ma kellhomx ħlief żebliħ. Kien miġnun? Seta' jkun, għaliex moħħu kien nixef għal kollox. Ġewwa qalbu ma' baqax ħlief ilfiq mingħajr tama u ġo ruħu widien ta' mrar.

Għolla drieghu w webbsu biex jisħet. Għajnejh kienu jibru f'wiċċ aħmar bil-qilla. Sama' daħk faħxi li berren ġo moħħu. Kienet riesqa l-mewt. Le, agħar, wisq agħar — kienet il-ħajja, iżda l-ħajja mgħannqa mal-mewt.

Kien meħtieġ illi jimxi w jissokta jimxi għal dejjem.

Qatt jieqaf ma seta'? Ma ħteġlux li jemmen? Ir-riħ wieġbu bid-dagħa u x-xita weġbitu b'mibegħda li tkexkex. Quddiemu ma' rax ħlief id-dlam — dlam lest għalih biex jibilgħu.

Baqa' sejjer jistaħam ġo l-ilma wit-tajn. L-ilma taffielu

n-nirien li nixxfu lil demmu u lit-tajn huwa ħabbu — iva, ħabb dak il-ħama magħqud għax kien jaf li sejjer jiksieh kollu għal dejjem.

Baqa' sejjer, sejjer il quddiem minkejja tiegħu nnifsu. Ma kellux aktar tama imma ħtieġlu joqgħod għall-amar.

Dellijiet ta' mejtin imxew kotrana quddiemu. Dawn ma kinux ħlief l-imgħoddi. Uħux li jkexkxu mħabblin ma' xulxin għajruh bit-twerżiq waqt li mxew kollha warajh. Ħass ruħu mġiegħel li jimxi għax dawn kienu l-ġejjieni. U baqa' sejjer... sejjer, mitluf għax ħtieġlu jobdi.

Sajjetti u beraq ċarrtu d-dalma li waqgħet wara li għebet ix-xemx qalb sħab iswed u fittxew li jodorbu xi ġisem. Kellu t-tama li jiġi mġarraf, tama qawwija fil-mewt għaliex huwa xtaqha wisq. Iżda l-mewt staħbiet fost dawk l-uħux għomja ġerrejja, u b'kefrija iddieħket imlebbta għal urajh.

Staqsa lilu nnifsu l-għaliex ma ħallewhx jissokta jimxi 'l quddiem sakemm ma kienx jiflaħ iżjed, sa l-aħħar tkagħwiġa. Il-nifsijiet sħan u moqżieża tad-dellijiet ħasshom jaħarqu ma' għonqu. Kien jaf li jekk jieqaf, jaħkmuh. Imma huwa ma riedx.

Il-ġejjieni għalih ma kienx ħlief l-imgħoddi u dan kien illum — sigħat illi jwerwru. Għalih ħtieġ li jgħix biss illum għax dan kien ix-xejn u fix-xejn issa huwa sab ruħu. Huwa? Min kien? Ħadd! Ħajja ddisprata, bla ħtieġa!

Bil-kemm felaħ jimxi ftit ieħor 'il quddiem.

Ma' dwaru l-uħux faqqgħu daħk illi jtarrax għax kienu laħquh.

Idejn kiesħa bħas-silġ intgħafsu ma' għonqu w idejn jikwu bħan-nar tħabblu ma' xagħru. Xofftejn imżellġin, imdennija u niġġieża bdew jeħlu ma' ġbinu.

Kien il-ġejjieni li laħqu: il-ġejjieni qerriedi tal-mewt li waslet sa' fl-aħħar bħal fidwa.

U stabat minn tulu minxur. Għolla driegħu w webbsu biex jisħet...... u seħet. Seħet il-ħajja bħal ma seħet f'jum ieħor lil daru. Iżda s-saħta li ħarġet minn fommu ħabtet u laqtet mal-mewt li feġġet quddiemu u ħatfitu. Hu li kien xtaqha lill-mewt u ried iberikha...

Kien hemm ieħor li ħalef u seħet fil-waqt li kien wieqaf fuq l-għatba. U r-riħ sefsiflu f'widnejh ħalf u dagħa; u x-xita sawtitu w għannietlu l-mibgħeda......

---

Din in-novella "Vangelo della Vita" tal-kittieb ta' novelli u dramatist Malti Giaċinto Tua nqrat fit-traduzzjoni ta' Inez Soler nhar it-22 ta' April April 1949 f'"Lejla ta' Tifkira" organizzata b'ġieh dan l-awtur f'jum għeluq xahar mill-mewt tiegħu mill-Fergħa Drammatika, Għaqda tal-Malti (Università).

## EINSTEIN.....

*Darba Einstein mill-Amerka*
*Wasal wasla l-gżira tagħna,*
*Minn Ħal-Luqa baqa sejjer*
*Taħt il-loġoġ tal-Furjana.*
*U dan l-għaref beda jkejjel*
*Mill-Iljun għall-Monument;*
*Beda jikteb, jikkalkula,*
*Ħażżeż l-ikbar dokument.*
*Ra kemm hemm mill-baħar għoli,*
*Kemm hemm bogħod minn Putirjal,*
*Uża l-antilogaritmi,*
*L-kalklu infinitesimal.*
*Għadd il-*goals *li l-Koku skorja*
*Ma' kemm snin għandu l-perit,*
*Ħa l-*cube root *ta' dana kollu,*
*Żied miegħu daqshekk u ftit.*
*Naqqas li kien ħaseb qabel,*
*Żied it-tul ta' xi nofs sieq,*
*U b'hekk fihem, bejn wieħed u ieħor,*
*Fejn ġej il-livell tat-triq.*

E. AGIUS.

## IL-WIED TAŻ-ŻEBBUĠI

*Ġebel u naqal, ċnut imwaqqgħa, nixfa,*
*Zkuk ta' bużbież, millieġ u xewk maħruq*
*Bix-xemx t'Awissu fi tmiem triqtu . . . Ħemda*
*Donnha ta' baħħ f'xifer il-Mewt mitluq.*

*Fewġa mitruħa, għajjiena mejta, taqa'*
*Għaxja fix-xewk ma' dawl ix-xemx li nien.*
*Qiegħed qajl qajl iroxx id-dlam. Ftit ieħor,*
*U l-Lejl jinżel ikeffen kullimkien.*

*Idub il-Wied u kemm hemm ħerba miegħu,*
*Bin-nixfa li tifnih irqiq irqiq.*
*U jiena lejn id-dar, ma' ħsibijieti*
*Tqal daqs il-lejl, naqbad bil-lajma t-triq.*

*Kont għadni tifel mingħajr ħjiena meta,*
*Flimkien ma' sħabi ta' l-iskola, il-Wied,*
*Fil-btajjel, wara jum jew jiem ta' xita,*
*Kont immur nara jfawwar bl-ilmijiet.*

*Iċ-ċnut ta' dejl il-pont kien għadhom wieqfa,*
*U qiegħ il-Wied ma kienx bix-xwiek mañnuq:*
*Soddtu kien jifrixhielu l-ilma ġieri*
*Li miegħu kollox kien iġorr u jsuq.*

*U lilna t-tfal arana l-pal tal-bajta:*
*Nifthu f'vapuri żgħar li ħfief bħad-dwieb*
*Konna nitilqu sejrin 'l hinn ma' l-ilma*
*U nbaħħru fuqhom aħna wkoll bil-ħsieb.*

*Xi ġmiel! X'seħer ta' ġenn! X'ħajja ta' ħlewwa*
*Kienet dik tagħna meta konna żgħar!*
*Bħal dak il-Wied ifawwar bl-ilma, qalbna*
*B'benna tal-ġenna kienet tfur sax-xfar.*

*Konna henjin tassew, mimlija saħħa,*
*Niġru, naqbżu u nimirħu ħfief bħar-riħ,*
*Niġġieldu u nagħmlu ħbieb, ninsew u naħfru,*
*Naraw kollox tal-għaġeb, kbir, sabiħ.*

*Ma konna nafu xejn, u bl-għerf li kellna,*
*Mingħajr ma konna nafu, lħaqna t-truf*
*Ta' hajr is-Sema! Konna ndaf: ġo qlubna*
*Is-susa tat-taħsir ma kienetx tkuf.*

*Għaddew u gerb'u s-snin. Tqaxqax u nixef*
*L-ilma fil-Wied, u miegħu f'qalbi s-sliem.*
*M'għadnix ferħan, m'għadnix hieni bħal darba.*
*Qalbi sfat ħerba u ruħi xagħra ġmiem.*

*Fejn dari kollox kbir, kollox tal-għaġeb,*
*Il-lum għalija kollox sar m'hu xejn:*
*Kollox imgħajjeb sar jidhirli w ikrah;*
*Kollox qarrieq bħaż-żebgħa tax-xufftejn.*

*Fuq ġismi waqgħet telqa u hedla kbira;*
*Ġo moħħi dalma li ma jafx l-agħar lejl;*
*Ġo qalbi bruda li tifnik u ttemmek;*
*Ġo ruħi baħħ ta' waħx bla qies u kejl.*

K. VASSALLO.

## S U I T E

Lill-Prof. Ġ. Aquilina, b'rikonoxxenza.

*Tidħol il-memorja*
*Bħal meta filgħodu, nagħas fuq l-għatba,*
*Isewdu miċ-ċpar għamliet familjari;*
*Dak li hu minqux ma jitħassarx u tinbaraæ*
*Iż-żebgħa ta' għaxar snin.*
*Ħarira vibranti tnissel*
*Tnehida mmewġa bħal ġisem imkarkar*
*Ta' serp, u ħabbara tal-waħx li*
*Ħares lejna insetti mikroskopiċi mill-għajn vjola*
*Iddawwar bħal ħut stordut eħirsa*
*Fil-vaska ta' moħħi.*
*Il-mistoqsija mal-bieb: Dawk*
*Li ġew meta jmorru? meta jmorru jerġgħu jiġu?*
*It-tajra titgerbeb ġwienaħ mitħna*
*U linka sewda mixruba 'l fuq tikteb mewt;*
*Fis-sema, il-lejl bla waqfien idamdam*
*Bis-saħħa dinamika tal-qirda.*

*Ma nsejħulux dawl ix-xemx dan, iżda*
*Sikta taħt sema griż; mhux sikta*
*Paċi, aktar qtiegħ in-nifs qabel l-ewwel*
*Leħħa. Setgħa, qroqqa għamja, tfaqqas*
*Fellus imġewwaħ Nemesis; mhux gwerra*
*Għall-paċi l-għajta tagħna tkun, iżda*
*L-fetħa tal-ponn li minn demm jagħsar*
*Aċidu: Nittamaw li ser tħaddar iż-żebbuġa*
*Msoqqija minn tidwib l-azzar?*

*F'dan it-tempju, ntefa l-bini armoniku*
*Ta' l-orgni, u fuq il-polz marradi tal-kuntrabaxx*
*Il-ġazz iħarbex suriet Picassjani;*
*Tgħawwiġ ta' ġenbejn, taħbit ta' saqajn, daħk,*
*Għajjat: Miss, agħfas, dan hu, xejn ħliefu.*
*Darbtejn tfarrku l-fanali: darb'oħra*
*Mfarrka, qtil il-widna klarinetti fgati*
*Jitnehdu minn taħt il-kutra sewda.*
*Tanbur, tanbur, miexi minn għammar*
*Qrib fil-bir, dejjem moħbi iżda; u t-tħarħira*
*Tiegħu tfawwar ħabsna bil-foga*
*Tad-disintegrazzjoni atomika.*
*Eħlisna Mulej mill-Hiroshima ta' ruħ u ġisem;*
*Jum il-biża', jum il-korla*
*Meta d-dinja ddub fin-nar.*

*Il-karrozza li terrqet maħruba tul it-triq wiesgħa*
*Għannqet il-ħajt; dubbien mgħaffeġ, xewqat, leħmiet*
*Iġsma qabel twelidhom maqtula, juri l-ħajt.*
*Dawk li maħsula mill-beżqa tan-nar, jagħ'lqu*
*Għajnejhom, ras mgħaddsa, u jħossu ċ-ċomb*
*Niggież, jaħraq, huma dawk li żernqu friski*
*Man-nida ta' xofftejn imħabbithom.*
*Ma ngħannix ħarbet ir-ruħ mill-ħofra*
*Mdemma: L-egħdewwa aħwa f'żogħżithom*
*Huma, u ġuf moħħom iwelled ħlejqiet jixxiebhu*
*—Ħajta tiġbed marbuta ma' dirgħajn fl-aħħar*
*Tislija, u xenqet id-dar, logħob, studju,*
*Fit-tgħanniqa t-tfajliet.*

*Aħna l-merħla mgerrxa:*
*Mitfi x-xrar u l-ħarsa quddimija, għajnejn*
*Jixtarru fl-art fliexken miksura;*
*Tbaqbiq ta' kurrenti u vleġeġ kliem f'konferenzi.*
*Dan hu żmien id-dris u tirfid is-saħħa*
*Tal-ħsieb individwali, għas-sadda*
*Ta' ħluq il-klieb li għamja ma jaqrawx*
*It-tinqix werrej it-triq.*
*Fejn sejrin saqajn fl-għanja tat-tkaxkira*
*Insetti fuq dan id-denb fid-deżert, bla tmiem,*
*Tmiem fil-mewt?*
*Nitilgħu fuq din il-blata,*
*Soda din il-blata, bla nuqqas fil-metamorfosi elementali;*
*Hawnfuq dawl f'idejna biex nitfgħu bħal ġebla*
*Tiċrit fl-istar mudlam.*
*Hawn mill-għoli ngħarrxu isqra għat-Triq*
*Insibu t-Triq, nilħqu t-Triq.*

*Għal dawk li jqattru minna bħal ilma minn*
*Vit, sbul miżrugħ minn riħ l-imħabba,*
*Għal dawk, it-tempju ġdid, kuruna ta' l-iġbla,*
*Fejn iħaddru għerf u ġmiel, għaraqna tisqija.*
*Għalihom tal-għajnejn il-fetħa mistagħġba,*
*Il-ġibda fin-nifs u l-qalb imfawra,*
*X'hin widna tixrob il-ħarba,*
*Ħarba minn tarf id-denb, fil-glorja ħarba,*
*Meta rajna fil-ħmura griża tal-għabex*
*Id-daħka bla snien, l-imnieħer mikul.*

29/xii/51 JOSEPH MEILAK.

# It-Teknika Tar-Rumanz

Il-ħila li wieħed jikteb rumanz suret in-nies tiddependi mit-tagħlim li wieħed ikollu fit-teknika ta' din l-arti. Ikun kollu għalxejn li jkollok suġġett sabiħ u oriġinali, kemm-il darba ma tagħrafx tħaddmu. Anqas ma jiswa li jkollok idjomi qawwija, vokabularju għoli u frażijiet sħaħ, jekk ma tkunx taf sewwa kif tiżvolġi u tħaddem is-suġġett skond it-teknika tar-rumanz.

Il-problema tar-rumanzier tal-lum hi bil-bosta aktar iebsa mill-problema tar-rumanzier ta' mqar ftit snin ilu. Il-pubbliku llum għandu bosta faċilitajiet fejn iqatta' l-ħin battal, u kemm-il darba r-rumanz ma jkunx mktub "from the reader's point of view", kif igħidu l-Ingliżi, jiġri li l-pubbliku jippreferixxi jin-qeda b'dawn il-mogħdijiet ta' żmien, milli joqgħod igħaddi l-ħin jaqra, iħabbat moħħu u jgħarraq għajnejh.

Ir-rumanz modern jeħtieġ ikun miktub b'sengħa u b'reqqa akbar mis-soltu. Il-lum il-qarrej jiddejjaq jaqra rumanzi mib-nijin fuq sfond storiku, mimlijin b'ħafna esaġerazzjonijiet min-għajr l-iċken dawl ta' verità. Aktar ma l-ġrajja tkun misluta mill-ħajja kif tabilħaqq ngħixuha, u mfissra bis-sempliċità kollha mingħajr deskrizzjonijiet twal li jdejqu, aktar ir-rumanz jingħoġob.

F'kull rumanz miktub skond is-sengħa għandek dejjem issib tliet karattri ewlenin. Dawn it-tliet karattri, Chesterton, fi studju li għamel dwar ir-rumanz, għażilhom minn xulxin billi xebbaħhom ma' San Ġorġ, id-Dragun u l-Prinċipessa. Minn hawn nifhmu li f'kull rumanz jeħtieġ li jkun hemm dawn it-tliet karattri: il-Prinċipessa, bħala mudell li tiġbed l-imħabba; id-Dragun, bħala mudell li jrid jeqred l-imħabba, u San Ġorġ, bħala x-xempju li jitqabad għall-imħabba u jkun iħobb fl-istess ħin.

Wieħed jeħtieġ joqgħod attent li ma jagħtix importanza żejda lill-karattri sekondarji. Inkella jiġri li l-karattri ewlenin ma jidhrux qawwija biżżejjed f'għajnejn il-qarrej. It-teknika tar-rumanz tgħallimna li l-karattri sekondarji qegħdin biss biex jagħtu qawwa akbar lill-karattri ewlenin.

Hi ħaġa ċara daqs il-kristall li anqas ma jkun hemm karat-tri, il-qarrej anqas iħabbat moħħu u aktar jifhem s-suġġett malajr. Għaldaqshekk jekk kemm-il darba nkunu nistgħu nin-qdew b'erba' karattri, aħjar milli ninqdew b'ħamsa. Il-karattri żejda ma jiswewx ħlief biex iħawdu moħħ il-qarrej.

Ta' min joqgħod attent ukoll li kemm il-karattri prinċipali kif ukoll il-karattri sekondarji għandhom jibqgħu jidhru fil-ġrajja sa' l-aħħar u mhux igħibu ħabta u sabta bla ma nkunu

nafu x'sar minnhom. Dan hu wieħed mid-difetti li jagħtu ħafna fil-għajn u jnaqqsu mhux ftit mill-preġju tar-rumanz.

In-naturalizza fil-karattri hi ħaġa oħra tabilħaqq ta' min jieħu ħsiebha. Għax aktar ma l-karattri jkunu naturali, aktar ir-rumanz jieħu atmosfera sabiħa. Biex infisser ruħi aħjar, il-karattri huma awtomatikament in-nifs li jagħti l-ħajja lir-rumanz. Għaldaqshekk ma nagħmlux ħażin li noqogħdu nistudjaw sewwa x-xeħta tal-karattri qabel ma ndeffsuhom fil-ġrajja. Jeħtieġ li kull karattru jkun adattat u magħżul tajjeb skond il-parti tiegħu, mingħajr l-iċken difett ta' artifiċjalità.

Il-kittieb hemm bżonn li jżomm il-ħin kollu quddiem għajnejh li dak li qiegħed jikteb sejjer jinqara minn ħaddieħor. Għal daqshekk kull paragrafu, jew aħjar kull kelma, għandha tkun miktuba b'dik il-qawwa ta' ħeġġa li tqajjem u tqanqal l-interess u l-attenzjoni tal-qarrej. Għaliex jeħtieġ li nifhmuha darba għal dejjem li l-entużjażmu hu meħtieġ fil-kitba daqs kemm is-sinċerità hemm bżonnha fil-priedki.

Xi wħud mill-kittieba jsibuha bi tqila mhux ftit, ta' kull darba li jippruvaw joħolqu xi suġġett. Arahom iqattgħu s-sigħat sħaħ iqallbu u jixtarru l-kitba ta' ħaddieħor sakemm forsi fl-aħħar jirnexxielhom jiżvolġu suġġett. Iżda b'daqshekk ma jkunux ħlief effettivament serqu x-xogħlijiet ta' kittieba oħra.

Biex toħloq suġġett ma jfissirx li għandek tikkomunika mal-kitba ta' ħaddieħor. Biżżejjed ikollok għajn li taf kif tabilħaqq tosserva dak li jiġri madwarek. Għaliex il-ħajja, minnha nfisha, mhix ħlief sensiela sħiħa ta' suġġetti varjati. Aktar ma tkun taf tosserva dak li jgħaddi minn għala l-bniedem, aktar is-suġġetti jidhru sbieħ u qawwija quddiem għajnejk.

L-istil huwa wkoll element ieħor importanti ħafna fit-teknika tar-rumanz. In-naturalezza fil-karattri, il-qawwa ta' kif tfisser l-idejat, is-sbuħija fit-tifsir tad-dehriet u l-kwadri ħajja fl-inċidenti, ilkoll mekkanikament jiddependu mis-safa u ċ-ċarezza ta' l-istil. Iżjed ma jkollok stil ħafif u fl-istess ħin mexxej, iżjed il-ġrajja tidher sabiħa u qawwija. Is-sempliċità m'hawnx isbaħ minnha. Boloh dawk il-kittieba li joqogħdu jintilfu żżejjed fiż-żina tal-kliem. Għaliex mhux il-għażla ta' kliem li tagħmel l-istil sabiħ, iżda aktar il-mod li bih tfisser ruħek.

Iżjed, wieħed għandu joqgħod attent li jagħti ismijiet xierqa lill-karattri, għax huma li jagħtu ambjent ieħor u qawwa akbar lir-rumanz. Isem li ma jkunx magħżul tajjeb u bis-sengħa, huwa difett mhux ċkejken. Qatt m'għandna nagħżlu isem barrani, la darba nkunu nistgħu ninqdew xorta waħda b'isem Malti. Anqas m'hi ħaġa sabiħa li tagħżel ismijiet twal u monotoni, għaliex mhux talli jtaqqlu s-sentenzi, iżda wkoll saħansitra itappnu l-ġmiel u l-ispontaneità tal-karattri.

Punt ieħor importanti xorta waħda daqs l-isem, huwa l-laqam li ta' sikwit nagħtu lil xi wħud mill-karattri. Meta nlaqqmu lil xi karattru jeħtieġ li jkun jaqbel sewwa mat-tifsira tiegħu. Jekk, ngħidu aħna, nlaqqmu lil xi ħadd "iblah", il-karattru tiegħu m'għandux ikun ħlief ta' wieħed imberfel u belhieni. Inkella jiġri li l-laqam ma jkun ta' l-ebda ħtieġa.

L-inċidenti, xejn anqas mill-karattri, għandhom ikunu naturali kemm jista' jkun, mingħajr esaġerazzjoni fit-tnissil tagħhom u mfissrin b'dik il-qawwa li jqanqlu s-simpatija tal-qarrej. Kull inċident għandu jorbot awtomatikament ma' l-ieħor sabiex nuru l-importanza tiegħu fil-ġrajja.

Ħaġa oħra ta' min jagħti każha hi, li t-tmiem ta' kull rumanz għandu jkun qawwi u li jiġbed l-attenzjoni ta' min ikun jaqra. Xejn ma jiswa' li jkollok bidu tajjeb ħafna u t-tmiem ikun xi ftit dgħajjef. L-impressjoni tal-qarrej għandha tissaħħaħ aktar fl-aħħar kapitlu, biex wara li jkun qraħ, jibqa' impressjonat u miblugħ fih in-nifsu itiegħem il-ġrajja.

ĠORĠ CHETCUTI.

# In-Novella Fil-Letteratura

X'nifhmu b'novella? André Maurois f'wieħed mill-kotba tiegħu fuq Dickens wieġeb għall-mistoqsija billi jgħidilna fi ftit kliem milquta illi "a novel is a narrative of fictitious happenings" u jkompli jwissina li aħna għandna bżonn minn dawn in-novelli għax ngħixu f'dinja mħawda u mberfla fejn ħafna drabi ta' taħt jinsab fuq u ta' fuq taħt, fejn hawn l-għawġ, il-mard, in-niket u d-dwejjaq. In-novella tneħħi ħafna mill-għamad minn quddiem għajnejna u ġġagħalna naraw kollox f'postu, kollox marbut katina waħda maħduma minn kawża u konsegwenza; hi tagħtina univers ġdid, passjonijiet ġodda u karattri u Destin li aħna bl-intelliġenza tagħna nistgħu nlaħħqu magħhom għax maħluqa u mfassla minn bniedem bħalna.

In-novella taħjina permezz taż-żewġ elementi prinċipali tagħha:— L-ewwel immaġini tal-ħajja li l-bniedem jgħix jew għex fiha bi storja li għal ftit ħin toħroġna minna nfusna u mill-ħsebijiet tagħna u t-tieni billi tagħtina moħħ ta' mgħallem, id tas-sengħa li torbot inċident ma' ieħor sakemm it-tila turina kwadru sħiħ, disinn wieħed, ħolqien ġdid li għall-ewwel meta rajna biċċa biċċa, ħajta ħajta, ma stajniex nagħarfu. Xejn mhu faċli li toħloq storja li ġġagħalna nemmnuha u għal ftit żmien ngħixuha għax fi frażi famuża ta' Coleridge is-"suspension of

disbelief" hekk meħtieġa għal dil-fergħa tal-letteratura tinħtieġ il-ħolqien ta' karattri li huma iżjed sempliċi minn-nies li naraw ma' dwarna, għax kieku ma nifhmuhomx, u fl-istess ħin karattri li jixbhu hekk tajjeb fix-xejriet u x-xewqat tagħhom lin-nies ta' madwarna li aħna nkunu nistgħu nemmnu fihom bħala nies taddemm u l-laħam li jidħku, jibku u jħossu l-ferħ u n-niket talħajja bħalna.

Ingredjenti ewliena tan-novella jew ir-rumanz huma storja, plott u karattri. Storja u plott mhux l-istess ħaġa. Forster filktieb tiegħu "Aspects of the Novel" jurina d-divrenzja li tgħaddi bejniethom b'eżempju ċar ħafna. Hekk meta xi ħadd igħid "ir-re miet u r-reġina mietet" hu jkun qiegħed jagħtina eżempju ta' storja imma meta wieħed igħid "ir-re miet u r-reġina ma damitx warajh minħabba n-niket kbir li kellu jżid jaħkimha", hu jkun qiegħed isawrilna plott. F'ta' l-ewwel naraw rakkont ta' ħwejjeġ li saru f'xi żmien, f'tat-tieni naraw l-istess rakkont u l-istess element taż-żmien, biss is-sens taż-żmien iddgħajjef u spiċċa kważi fix-xejn minħabba element ġdid, kawża ġdida "in-niket" li ma nsibux f'ta' qabel. Fi ftit kliem meta għandna storja nsaqsu, "ir-re miet ir-reġina mietet", imbagħad x'ġara iżjed, waqt li fi plott insaqsu "Iva, ir-re miet u r-reġina mietet minħabba in-niket li ħasset għalih", imma għaliex ġara dana kollu? Dan "l-għaliex" tal-qarrej jagħżel plott minn rakkont jew sempliċi storja.

Il-karattri Forster jaqsamhom fi tnejn, ta' l-ewwel imsejħa "flat" u tat-tieni msejħa "round". Fis-seklu sbatax "flat characters" kienu jissejħu "humorous characters" jew, bħal fil-kummiedja ta' Sheridan, "types". Fil-forma ġewwenija tagħhom dawn huma msawwra minn karattri mibnija u minġura madwar kwalità jew karatteristika waħda, li tixhed il-bniedem jew ilkarattru li jkun. Hekk Pawlina fir-rumanz "Taħt Tliet Saltniet" hi t-tjubija personifikata, kif ukoll Inez fir-rumanz ta' A. E. Caruana u l-kotra tal-karattri ta' Dickens. Meta hemm iżjed minn kwalità jew karatteristika waħda jibda jkollna r-"round characters" bħalma nsibu fix-xiħa ta' Wied Għafrid tal-Professur Aquilina jew Dun Belinn "bin-nafra tiegħu" ta' Ġużè Muscat Azzopardi u Wenzu l-Vistuż f'"Inez Farruġ".

Kwistjoni mportanti hi r-relazzjoni li tgħaddi bejn plott u karattri. Meta nitħaddtu, nagħżlu bejn żewġ kwalitajiet ta' novelli, dawk fejn il-karattri huma kollox u l-istorja qiegħda hemm biex timla t-tila u torbothom ma' xulxin f'disinn wieħed u dawk fejn il-plott hi kollox u l-karattru huma mdaħħlin biex ikomplu u jtennu l-istorja. Bla ebda biża' nistqarr li naqbel ma' William Henry Hudson li fix-xogħol tiegħu "An introduction to the study of Literature", xogħol ta' l-ikbar fejda, jgħidilna li ta' l-ewwel skola tawna xogħol ferm iżjed kbir sew artistiku kif

ukoll psikoloġiku. F'xogħlijiet purament sensazzjonali bħal f'xi wħud mir-rumanzetti ta' Ġużè Muscat Azzopardi nsibu li l-melodrama maħbuba mill-kotra sentimentali tispiċċa biex tirbaħ u tifga kull dawl artistiku għax jiġri bil-maqlub ta' dak li qalilna Hudson għan-novelli kbar fejn "Incident is rooted in character and is thus to be explained in terms of it."

Issa hemm żewġ tipi ta' novella, fost oħrajn li għadhom ma daħlux sewwa fil-letteratura moderna Maltija. Hemm in-novelli li jibdew bit-twelid tal-protagonista u jibqgħu sejrin jixxejru 'l hinn u 'l hawn skond ma jitolbu ċ-ċirkostanzi li jiltaqgħu magħhom. Dawn jistgħu jkunu awto-bijografiċi jew le. Hekk f'David Copperfied ta' Dickens u Tono Bungay ta' H.G. Wells inħarsu li l-awtur ma qassamx it-tila fuq pjan li kellu f'moħħu qabel ma beda jaħdem, imma billi kien għani biżżejjed fil-ġenju, hu seta' jħalli l-immaġinazzonj tiegħu tiġri bih. Hemm oħrajn bħal Thorton Wilder f' "The Bridge of St. Louis Rey" u fil-"Grand Hotel" ta' Vicki Baum li jlaqqgħulek ħafna karattri differenti f'post wieħed, imma qabel ma jkunu ltaqgħu, l-ħallieq tagħhom ikun pinġielek b'daqqiet ħfief il-karattru ta' kull wieħed minnhom u għalhekk int ikollok interess kbir biex tara x'sejjer jiġri u kif sejrin jirrispondu għall-kriżi ta' ħajjithom; għax tkun ġa dħalt ġo qalbhom, tkun tħosshom parti minnek.

Ħafna mill-forza ta' dawn in-novelli tiġi mill-forza u l-effett qawwi li l-karattru jkollu meta jkun qiegħed bilanċjat bejn karattru jew tnejn iżjed dgħajfa minnu għax dan bħal xaqq dawl fid-dlam jisfa wisq iżjed delinjat f'kull linjament u f'kull taħrika li jagħmel u mhux hu biss iżda permezz tal-kuntrast il-karattri iżjed dgħajfa bħad-dlam ma' ġenb id-dawl, ikunu wkoll iżjed spjegati, magħrufa u miftiehma. Hekk Don Quixote hu marbut ma' Sancho Panza, Elinor Dashwood kellha 'l Marjanna, Cousin Pons jitlef ħafna li kieku ma kellux il-Schmucle u Jane Austin daħħlet użu ġdid billi lill-karattri tagħha ewlenija tathom l-aħwa — metodu ġdid biex iżjed jispikka u jidher il-kuntrast bejn fehma u oħra, persuna u oħra.

Fil-Malti iżda għandna niftakru li meta ma jkollniex x'nambu iżjed karattru, ma għandniex mbagħad narmuh kif ġieb u laħaq bħalma nibża' li ġara fil-"Ġifen tal-Wied" jew inkella l-iżball l-ieħor li meta nħossu li l-kobba qiegħda titħawwad sewwa, indaħħlu karattru providenzjali li jħoll il-marella kollha b'inkejja li jkun daħal f'nofs ta' ktieb bħal Wenzu l-Vistuż f' "Inez Farruġ".

Ħaġa oħra li tolqotna hu l-ftuħ tal-ktieb. Hekk il-ħrejjef ta' Patri Magri jimxu fuq il-"once upon a time" tal-ħrejjef Ingliżi; Sir Walter Scott jiġbidlek a la maltija bl-istil konvenzjonali tal-

Manzoni, waqt li t-tendenza moderna tixbah il-qabża ġo nofs is-suġġett li jħobb jagħmel Browning meta tibdielek b'xi frażi bħal din "My first thought was he lied in every word."

Wara l-ftuħ l-element li l-iżjed jogħġob u jsaħħar hu d-djalogu fejn l-artist juża l-kliem u l-frażijiet li nitħaddtu aħna, iżda jużahom b'mod suġġestiv u bl-għan dejjem f'moħħu li jurina permezz tal-konversazzjoni d-divrenzja bejn karattru u ieħor, personalità u oħra. Hekk Henry James ipinġilna l-karattri u l-intriċċi tagħhom mid-djalogi biss u nħossuna nistagħġbu tassew b'kemm inkunu nafu fuqhom wara tliet paġni ta' qari mingħajr ma jkun tana fatt jew stqarrija waħda biss.

Ħaġa ta' interess għalina hi l-problema li jiltaqa' magħha l-kittieb Kattoliku fiż-żmenijiet tal-lum. Il-qarrej jista' jkun iċ-ċensur tiegħu u ma jaqrax dak li jħossu jagħmillu ħażin, għax il-ħażin huwa ħafna drabi ħaġa soġġettiva u tista' ħaġa tagħmel ħażin lili u ma tagħmilx lil ħaddieħor imma l-kittieb Kattoliku għandu problema oħra, għax jekk irid jikteb il-verità fuq il-ħajja kif jaraha madwaru, ikollu jdaħħal ħafna li jaf id-dnub. Jista' kittieb jagħmel dan, u jekk jista' ta' min iħeġġu jagħmlu?

Jacques Maritain fil-ktieb tiegħu "Art and Scholasticism" iħaqqaq ħafna fuq il-fatt illi jekk il-għajn ta' l-awtur hija safja, qawwija u Nisranija, l-ilma li jgelgel minnha bil-fors għandu jgħaddi mill-għarbiel tal-moralista għax it-tniġġis li jidher f'xi bnadi ġej kollu minn tajn tal-wiċċ, u għalhekk it-tagħlima li toħroġ tfawwar fl-aħħar għandha tixhed il-bjuda u l-virtù li joħorġu mill-qalb tal-kittieb Nisrani li f'sens wiesa' tfisser il-qalb ta kull ġentlom għax fi frażi milquta ta' Tertuljanu "every soul is naturally Christian".

Dan ifakkarni f'sentenza tal-Qorti tagħna fuq xogħol ta' Pisani li l-Professur Aquilina jikkundanna fuq argumenti li jispjega fit-tul f'wieħed mil-essays tiegħu. L-imħallef kien jidher li ftit u xejn qara xogħol letterarju ta' Kattoliċi moderni għax dawn jifhmu bħall-awtur tas-"Sengħa ta' l-Imħabba" li ħafna jiddependi mhux minn dak li jinkiteb imma mill-mod kif jiktbu u l-qarrej bħal mara tajba Maltija li rat id-drammi ta' Pisani jispiċċa b'xi "Libera nos Domine" u b'talba għall-grazzja t'Alla.

Ħafna minn dak li jinkiteb minn Kattoliċi moderni, l-aktar f'pajjiżi Protestanti u ateji hu bħal "Hang out the flags" satiriku u għalhekk qabel ma nikkundannaw kitba novellistika moderna jaqbel naraw x'kitbu fuq hekk kittieba Kattoliċi magħrufa bħal George M. Schuster f' "The Catholic Church and current literature" u Francis Maurice f' "God and Mammon".

Tħadditna fuq storja, plott, karattri u fuq ir-rabta li tgħaddi bejniethom, ġibna xi ħaġa fuq il-ftuħ u s-sehem tad-djalogu finnovelli, u r-rumanzi li bħal fit-taħdita ta' Dun Mikiel quddiem

il-ġeneral Vaubois f' "Nazju Ellul" jaħkmu u jsaħħru bil-qawwa tagħhom drammatika. Fl-aħħar tajna xi tagħrif dwar is-sehem tal-kittieb Kattoliku. Għad hemm ħafna fuq'ex tikteb, imma daqshekk biżżejjed. Jum isbaħ qiegħed diġà jżernaq fuq in-novella Maltija.

J. FENECH ADAMI.

# Kant Popolari bil-Malti

Għalkemm m'ilix nieqes wisq minn Malta u għax wara l-istudji tiegħi nerġa' lura Malta, ma nistax naħrab li nagħmel paragun bejn il-gżira u l-pajjiżi li laqgħuni. Meta tiġri xi ftit jekk 'żomm għajnejk miftuħa ma tistax ma tinġibidx minn dak li hu sabiħ. Dil-ġibda aktar tħossha meta tilmaħ in-nuqqas li ssib f'Malta. U mingħajr ma trid tħoss tinbet fik ix-xewqa li tara 'l-Maltin bħal ħaddieħor.

Haġa, fost oħrajn, li qabbditni dawn it-truf ta' ħsibijiet kien il-kant u l-għana bil-Malti. Jew aħjar, in-nuqqas ta' kant u għana bil-Malti. Ma noqogħdux ninħbew wara subgħajna, l-aktar dawk fostna li għandhom xi idea kbira tagħna, ta' Malta, ta kull ma hu Malti. Għax għal fejn noqogħdu nimtlew u ninteftħu bi pretensjonijiet li flok ġid jagħmlulna ħsara? L-anqas ma għandna nisthu ħdejn ħaddieħor u minn ħaddieħor. La għandna u l-anqas ħadd ma jistenna minna opri kbar bħalma taw l-Italja, il-Ġermanja u oħrajn. U mbagħad jekk inħammru wiċċna, ma n'nsewx li kien tort tagħna u ta' missirijietna li ma ħadniex interess kif kien jixraq biex ma nitilfux dak il-ftit jew wisq li writna u nagħmlu ħilitna billi nkabbru t-teżor. U fil-każ li xi ħadd ma jaqbilx ma' dan li ktibt s'issa, il-qofol li nixtieq jinftiehem bħala tifsira ta' qalb u rieda tajba hu dan: Nistinkaw billi neq'rdu n-nuqqasijiet fostna. Haġa li tista' ssir u ssir sewwa bħal dak li s'issa wrejna għalkemm fiċ-ċokon. Haġa li għandha ssir.

Issa bħal ħafna ħwejjeġ oħra wieħed ma j'stax jagħmel kollox. Għalxejn tixtieq u tittama. L-aktar f'opri li jfissru r-ruħ tal-poplu, l-ispirtu tan-nazzjon. Il-ġid li sar fid-dinja qatt ma sar minn wieħed waħdu. Min jaħdem hekk flok jibni jħott. Għalhekk berraħ l-idejat tiegħek. Qabbilhom ma' ħaddieħor, qabbilhom ma' tiegħu, iġbor il-fjur tat-tnejn. Imbagħad iwettaqhom u jtemmhom min jista' u jinqala' għal dak ix-xogħol. Għalhekk jien għażilt li nikteb fuq dan is-suġġett (fost ħafna) għall-Għaqda tal-Malti (Univ.) Iżda għal dan nerġgħu lura 'l quddiem.

Iltqajt ma' ħafna okkażjonijiet li jitolbu kant u għana bil-Malti. Fil-kulleġġ fejn qiegħed jinġabru studenti minn kull rokna tad-dinja. Fil-Milied l-Ingliżi li huma l-akbar fil-għadd jistiednu lill-istranġieri jsemmgħuhom "carols" tagħhom. Tisma' Spanjoli, Brażiljani, Taljani, Pollakki, Fjammingi... Semmejna wkoll kant bil-Malti. Ma għandniex wisq minn fejn nagħżlu. Waħda kienet "Ninni la tibkix iżjed": wieħed kantaha solo, l-oħrajn inqasmu f'żewġ vuċijiet u ħannewha. Intgħoġbot? L-Ingliżi, li mhux lakemm ifaħħru dak li hu ta' ħaddieħor f'wiċċu, qalulna li tagħna għoġbithom aktar mill-kant ta' l-oħrajn, avolja kienu aħjar fil-vuċi u għażlu bċejjeċ fini. Ma kienx tifħir tal-mument. Is-sena ta' wara reġgħu stennew in-Ninni. Did-darba setgħu jkantawha bl-Ingliż: jien qlibtha għall-Ingliż u wieħed minnhom ivversifikaha.

Ma' tul is-sena okkażjonijiet bħal dawn ma jonqsux. Kant reliġjuż għandna xi ftit: iżda kant ieħor għandna ferm ftit. Dal-ftit jinħass sewwa. Għax dit-taqsima hi akbar mill-oħra u tgħodd għal kullimkien. Ma ngħidx fejnhom il-kanzunetti militari bil-Malti: Malta la qatt kienet u nittama li qatt ma tkun militaristika. Iżda fejnhom l-innijiet u l-kanzunetti patrijottiċi? Liema eroj u liema ġrajja nkantaw? Liema huma l-"hearts of oak" tagħna? Għandna kant tal-kamp u tal-kwartier li jirriflettu s-sabiħ u l-ikraħ, dak li jogħġob lis-suldat u dak li jdejjqu? Fejnhom l-innijiet tal-"marching"? Forsi għax Malta żgħira, u jekk timxi minn Marsaxlokk b'għajnejk magħluqa għandek mnejn issib ruħek iċċafċaf fil-baħar. Tajjeb: allura fejnhom il-"barcarole"? In-nies tagħna ma tħobbx timxi mal-marċijiet tal-baned? Kull raħal għandu banda waħda jew tnejn. Iżda l-vuċijiet tagħna għad mhumiex edukati. Ma jistax ikollna għanjiet tal-muntanji u tax-xmajjar: iżda jmissu għandna tan-natura, ta' l-imħabba, taż-żiffa t'April, tax-xtajta, tal-vakanzi, ta' "mens sano in corpore sano". Ħadt sehem f'ħafna "campfires" ma' l-iskawts. Immaġina wieħed bil-Malti. Ma jidhirlikx li jekk jirnexxilek tagħmel dan darba, ma jkollok xejn ġdid għal darb'oħra? Jien ngħidlek li jkollok, basta......

Magħna għandna xi South Africans. L-ilsien uffiċjali tagħhom hu l-Afrikaans. Ħamsin sena ilu dan kien id-djalett tal-Boeri: illum bir-rieda t-tajba tal-poplu u bil-ħeġġa ta' l-istudjużi dan hu lsien daqs kemm hu lsien l-Olandiż. Mhux għalkemm ikollok kant f'ilsien u mhux f'ieħor. Kieku kien hekk tista' toqgħod biss fuq it-traduzzjonijiet. Iżda dejjem irid ikollok kant li hu ta' pajjiżek biex ifisser ir-ruħ tan-nazzjon. Dak li għamlu l-Afrikaans u li għadhom qed jagħmlu ma nistgħux nagħmluh aħna? Ħdejn tagħhom ilsienna hu patrijarkali:

Malta m'għandhiex l-istorja tagħha, il-ġmiel tagħha, l-ispirtu tagħha? Ma nistgħux naqilbu f'ils'enna s-sabiħ ta' ħaddieħor? Ma nistgħux nagħmlu ħilitna ħalli jkollna tagħna?

Għażilt li niftaħ qalbi u nafda xewqti ma' l-Għaqda tal-Malti (Università) għax dan ix-xogħol mhux xogħol ta' sena iżda programm twil li jinfirex mas-snin u li jitlob ħafna għajnuna. L-imseħbin ta' din l-Għaqda jieħdu sehem sewwa fil-kurrent letterarju u drammatiku tal-pajjiż. Hawn opportunità u ħtieġa oħra. Fihom ibaqbaq id-demm taż-żgħożija, huma mħeġġa bl-entużjażmu li jtejjbu l-kultura tagħna, għandhom kuntatti intellettwali u soċjali ma' stranġieri f'universitajiet oħra, f'ġimgħat ta' studju jew laqgħet ta' għaqdiet internazzjonali, huma l-mexxejja tal-poplu tagħna. Dawn huma okkażjonijiet li jġegħluna nagħarfu aħjar lilna nfusna u l-ispirtu Malti, nitgħallmu minn kulħadd, nissellfu m'għand min jista' u nibnu r-repertorju tal-kant popolari tagħna. F'ħidma bħal din l-Għaqda tal-Malti u kull min iħossu Malti jista' jagħmel il-ġid, jista' jgħin mhux ftit. Bis-saħħa ta' l-Għaqda (Univ.) il-laqgħat liriċi mużiko-letterarji wrew x'jista jsir bħalma beda jsir. Ma jistax ikun hemm alleanza ġdida bejn il-mużika u l-poeżija billi nipproduċu kant popolari Malti? Din il-ħidma tkun ta' fejda għal kulħadd, l-aktar għaż-żgħażagħ tagħna bl-għaqdiet tagħhom, Azzjoni Kattolika, Żgħażagħ Ħaddiema Nsara, Skawts, Kulleġġi, meta jiltaqgħu flimkien fil-ġranet tax-xogħol u tal-vaganzi, bejn erba' ħitan u taħt is-saqaf jew għall-arja tal-plajja u tal-kampanja.

M'iniex ngħid għal ċertu kant biss. Ma ninsewx il-kant anqas serju u taċ-ċajt, anqas formali iżda aktar ħaj, kant li ħafna drabi ma jispiċċa qatt... Għandna xi ħaġa bħal "Frere Jacques", "Fra Martino", "London's Burning"? Ġie li smajna jekk ma konniex aħna stess li kantajnieha "Kemm għandu qalbu tajba"; nafu li din maqluba minn "He is a jolly good fellow".

Nagħilqu billi nagħtu in-"Ninni la tibkix iżjed" kif maqluba bl-Ingliż (l-ewwel 4 strofi).

REFRAIN: Oh sleep, oh sleep, nor sigh nor weep,
My baby Jesus, my love;
Our sins 'tis we should mourning be,
My baby Jesus, my love.

1. Oh come, great angel cohort,
That ranked in heaven stands.
Come, see your mighty Maker,
A baby in swaddling clothes.
REF.

2. Come, let your eyes behold Him,
The gentle Lord of all;
This new-born Child so blessed,
Asleep within the stall.
REF.

3. Ye shepherds, gather round Him,
Forgetful of your sheep;
O'er them your guardian angels
Strong watch and ward will keep.
REF.

4. Oh, hasten to the manger,
And there behold with awe,
Your God become an infant,
Asleep upon the straw.

G. GHIGO S.J.

# Gan Anton Vassallo

(*Jorbot mal-għadd* 242-244).

Qabel Vassallo kienu diġa' ħarġu ħafna kurunelli bil-Malti mill-Istamperija tal-Gvern fl-1835, miktubin mill-qassis Ludovico Mifsud Tommasi (1795-1879). Bħal dan ukoll kiteb poeżija reliġjuża Richard Taylor (1818-1867) u bejniethom dawn it-tnejn ippopolarizzaw it-talb taħt għamla ta' versi ħfief imfasslin fuq l-għana tal-poplu. Hafna mit-talb miktub minnhom, ngħidu aħna id-*De Profundis* u t-*Te Deum* bil-Malti għadhom jafuh sal-lum u għadek issibhom fil-kotba tal-knisja. Poeta reliġjuż ieħor kontemporanju ta' Vassallo kien iż-żagħżugħ Annibale Preca (1832-1904), li tista' tgħid f'kull ħarġa tal-faxxikoli tal-*Ward u Zahar* (1865-18?) kien jikteb xi poeżija minn tiegħu. Bħal Vassallo Preca wkoll kien kiteb f'ġurnali Maltin xi ħrejjef morali bil-Malti li mbagħad, flimkien m'oħrajn li kienu għadhom ma dehrux, ħariġhom Ġ. A. Vassallo bħala l-ewwel taqsima fil-ktieb maħruġ minnu *Hrejjef* fl-1861.

Dawn it-tlieta l-iktar li nqdew bil-vers tat-tmienja tal-poeżija popolari. Bħalhom ukoll Ġ. A. Vassallo ried jinqeda b'dan il-vers tal-għana tal-poplu biex jikteb il-poeżija. Il-ħsieb tiegħu kien li jibni fuq dal-metru xi ħaġa miktuba bis-sengħa, mhux titkaxkar fil-baxx. Meta kien irid igħaddi ż-żmien kien jaf iqabbel bħalma jagħmel il-poplu bla tagħlim. Ara kif beda *Ketrin*, li huwa sejjaħ *scherzo alla contadinesca*:—

U Ketrin kemm hi sabiħa
Xħin tilbislek il-ħarir!
Meta tkun mit-triq għaddeja
Sal-gremxul jieħu pjaċir!

Imma mhux dejjem kien jikteb biċ-ċajt. X'divrenzja l-versi jaħarqu bil-patrijottiżmu li nsibu fil-poeżija *Mannarinu* meta, wara li ħeġġeġ il-Maltin biex iqumu u jeħilsu mill-madmad tal-Ordni infexx igħid kif din kienet waqgħet u marret lura:

Dal-kbarat li fuqna jaħkmu
Jassru 'l Malta u l-Maltin,
Hlief il-libsa xejn ma jġibu
Tal-Kbarat il-lewlenin.

Sjuf imsadda, ġfien u xwieni
Iżommuhom għall-foħrija,
Biex fis-sajf iduru dawra
Lejn il-Lvant, lejn Barbarija.

Għaliex għażel dan il-metru igħidu Vassallo stess: *"sulla tentata rivolta di Mannarino io arrischiai poche strofe, e trattandosi d'un argomento patriottico stimai proprio di scriverlo nel metro che comunemente usasi dai Maltesi"*. Dwar il-metru tal-poeżija Maltija fisser ruħu iktar fit-tul fl-1861. Igħid li sew fil-ħrejjef kemm ukoll f'xorta oħra ta' poeżiji l-Malti għandu jitħaddem fil-qies naturali tal-vers tiegħu, i.e. tminn sillabi, bħall-ottonarjo tat-taljani. Igħid li dan hu l-vers naturali tal-Maltin għax fil-fehma tiegħu ma kienx jaf wisq metrika min għanna l-ewwel darba fostna:

Meta morna tal-Mellieħa
Konna wieħed u għoxrin.

Kellu biss il-prosodija tal-widna li għallmitu n-natura stess tal-lsien Malti. Għalkemm mhux naturali għall-Malti, lil Vassallo kien jogħġbu l-vers ta' ħames sillabi, u ma jiddejjaqx jisma':

Id-dmugħ ta' qalbi
F'għajnejja tara,
Uġigħ li joqtol
Inħoss madwarha.

Imma mill-bqija Vassallo kien jaħseb li l-Malti ma tantx jinqala' għal forom oħra ta' versi. (20).

Meta Ġ. A. Vassallo ħareġ il-ktieb *Mogħdija taż-Żmien fil-Lsien Malti* fl-1843 fisser il-ħsieb tiegħu li bih ried juri li l-Malti

(20) *ibid*, p. 7.

mhux daqshekk fqir kif jaħsbu x'uħud u, għall-kuntrarju, għandu biżżejjed kliem li huwa tiegħu biss biex bih tfisser kull diskors mingħajr ma tissellef mill-ilsna barranin. Imma l-ikbar effett ta' Ġ. A. Vassallo inħass fil-forom ġodda ta' metru mdaħħal minnu fil-Malti. *F'Il Malti* tas-16 ta' Marzu, 1844 naqraw: "Mn'issa lura (il-għana Malti) kien dejjem imqassam f'erba' versi qsar, tnejn minnhom imqabblin flimkien; u xejn iżjed minn hekk. Iżda l-għala biss dan? Ma hemm jewilla kif wieħed iqassam xorta oħra? Kien hawn minn dari kellu dil-fehma. B'dak iżda li ktibna, u li għadna niktbu f'din il-gazzetta kulħadd ra jmissu biddieħer k'f mhux biss hekk il-għana Malti jista' jkun imqassam u mqabbel. Min qara l-*Armla* fil-għadd 10 ma jistax ma rax kemm hu xieraq dak it-taqsim għall-Malti. Mhux inqas xejn milli hu xieraq għat-Taljan. Min qara *Is-Sultan Wignacour u l-Maltin l-ewwel darba li rmiet il-għajn tal-Belt,* fil-għadd 6, imissu ra wkoll kemm hu ħelu dak it-taħlit fit-taqsim u fit-taqbil. U min qara fl-aħħarnett il-għanja tal-lum, *It-Turufnat*, aħna nitimgħu li ma jibqax ma jgħidx bħalna, li dawn il-versi itwal milli dari u mqassma sitta sitta, iżidu lil kliemna ġmiel kbir tabilħaqq". Mela Ġ. A. Vassallo esper'menta ħafna fil-metrika. Kiteb bl-istrofi tal-għaxra u tat-tmienja mħalltin il-poeżija fuq issultan Wignacourt, versi tal-ħdax *f'L-Armla* u *f'Il-Ġifen Tork* — f'tal-ewwel magħqudin f'terzini, li ftit bħalha għandna miktubin b'l-Malti; versi tal-għaxra *f'It-Turufnat;* versi ta' sitta *f'Lil Ġannina,* u ta' ħamsa fi *Qronfla lil Lwiża* u *f'Emilja;* endekasillabi mżewqin b'ottonarji *f'Dovik u Liena,* u versi ta' sebgħa fi strofa waħda tal-poeżija *Tas-Sliema.* Vassallo beda wkoll j'kteb poeżiji bi strofi ta' sitt versi l-waħda minnflok erba' bħall-popolari tas-soltu, ngħidu aħna *Iż-Żgħorija, Iż-Żgħożija* u *It-Turufnat.* F'dawn, l-aħħar żewġ versi aktarx jiġbru fihom b'qawwa l-ħsieb tal-istrofa kollha.

Fl'edizzjoni ta' *Il-Ġifen Tork* tal-1855 naqraw li dal-poema inkiteb *"in linea d'esperimento per provare cioè se la lingua maltese atta si bene ad esprimere in verso qualunque specie di teneri sentimenti, riuscirebbe del pari acconcia e bastevolmente copiosa sotto un tema del genere eroico, trattato nelle forme del verso lungo italiano".* (21) Meta kitbu, Ġ. A. Vassallo kien għad għan-

(21) *Il-Ġifen Torc — Canto Epico Maltese di N.N.*, Malta, 1855, fl-*A Chi Legge* tal-Edituri. Fl-1760, kienet dehret poeżija bil-Taljan hawn Malta fuq l-istess suġġett, jisimha "Per la Sollevazione e conquista fatta da' Cristiani della Primaria del Gran Signore nomata "La Corona Ottomana", ancorata nella Rada di Stancio......pp. 4. Kif qalli s-sur Ġużè Gatt, aktarx li dil-poeżija kienet inkitbet minn wieħed Nicolò Muscat.

du mal-25 sena u għalhekk xi difetti ma jistgħux jonqsu fih, imma b'danakollu naħseb li kellhom raġun l-istess edituri jiktbu, nhar l-1 ta' Mejju, 1855, illi "*Costoro* (*i.e. i forniti di belle lettere*) *d'altronde, piacendosi talvolta a percorrere alcuni brani meno imperfetti di questa leggenda nazionale, potrebbero dare giudizio se la lingua maltese, energica ed abbondante a sufficienza si presti, onde trattare lodevolmente in essa grandi e maravigliosi azioni*". Il-poema kien qrah Vassallo stess quddiem l-Akkademja Filoloġika, u f'*Il Malti* tas-17 ta' Frar, 1844 naqraw: "Fetaħ imbagħad fommu id-Dr. Ġ. A. Vassallo u qara biċċa kbira poeżija bil-Malti '*Il-Ġifen Tork* — imqassam fi tliet taqsimiet; fl-ewwel minnhom qal kif l-ilsiera Maltin ġewwa ġifen Tork ma jistgħux jifilħu iżjed il-jasar tagħhom talbu lill-Madonna u ftiehmu kif jagħmlu biex jibqgħu meħlusin; fit-tieni wera t-taqtigħa li saret bejn il-Maltin u t-Torok fuq dan il-ġifen u li biha l-Maltin ħarġu mill-egħdewwa tagħhom rebbieħa; u fit-tielet tkellem mill-mixja li dawn il-Maltin meħlusa għamlu flimkien mill-Belt ta' Malta sal-Knisja tal-Mellieħa, fejn marru jtemmu l-wegħda li lill-Madonna kienu għamlu. Dana kollu hu miktub b'versi fuq dawka ta' mit-Taljan......".

Sa fejn nafu aħna, Vassallo sunetti ftit kiteb. Wieħed, li kien jismu *Is-Sena l-Ġdida* naqraw fih ħsebijiet għoljin imfissrin b'mod li ma jagħmlux għajb lill-poeti tal-lum. Ngħidu aħna, dit-terzina għandha l-istess kadenza solenni tat-tieni biċċa tal-*Innu Malti* ta' Dun Karm:—

Qawwa 'l-marid, sabar 'il-fqir, u sliema
Ikollu l-baħri biex il beltu jara,
Il-għonja dawl, u xogħol il-ħaddiema.

Fil-kitba tiegħu Ġ. A. Vassallo kien jagħżel kliem mexxej, jifhmu kulħadd, la safi żejjed u lanqas barrani bla bżonn. Fuq dil-ħaġa jidher li kellu idea sewwa ta' kif għandna nqisu lingwa bħala ħaġa ħajja, u l-kliem tiegħu mitt sena ilu għadu jdoqq frisk u jgħodd ukoll għal żmienna. Fl-ewwel ktieb tiegħu, tal-1843, jammetti li dawk li jkunu mgħallmin la Taljana jitkellmu lingwa ftit u xejn imħassra (un po viziosa) imma meta tikteb tista' teħles minn ħafna italjaniżmi u b'hekk tagħti lill-Malti xejra oriġinali li tixraqlu. Billi fil-Malti jonqsuna xi kliem astratt u xjentifiku, hekk ukoll dawn jonqsu fl-ilsna orjentali l-oħra. U jekk meta ma jkollniex il-kelma Maltija ninqdew b'oħra barranija ma nkunux nagħmlu ħsara lill-Malti. Kull ilsien jissellef il-kliem u jkun ġenn taħseb li tista' tikteb il-Malti mingħajr ma tissellef mill-barrani. Mhux hekk biss, imma mingħajr il-kliem missellef il-Malti jiftaqar. Għalhekk, skond Vassallo, tikteb bil-

Malti jfisser tinqeda bi kliem kemm jista' jkun Malti, u fejn m'għandniex il-kelma li rridu bil-Malti, nissellfuha mit-Taljan jew minn xi lsien ieħor u ntuha għamla u sura Maltija (22). Għoxrin sena wara jeħodha iktar bl-ikrah kontra l-puriżmu fil-kitba tal-Malti u jgħid: *"Sarebbe un vero barbarizzare sostanzialmente la lingua maltese, ove mai alla sua purezza richiamare si volesse: puossi aggiungere anzi, che qualunque attentato di coltivare filologicamente questa lingua ed a qualche purezza richiamarla, sarebbe un attentato contro la civiltà del paese".* (23).

Issa ngħidu xi ħaġa dwar din il-ġabra ta' poeżiji. Il-ħsieb tagħna kien li nuru 'l Ġ.A. Vassallo bħala l-ewwel poeta liriku Malti. Għalhekk f'dal-ktieb ma ssibux miġbura l-poeżiji kollha. Mill-*Ħrejjef u Ċajt* nagħti biss xi waħdiet biex il-qarrej jista' jifforma l-fehma tiegħu fuq l-istil tal-ħrejjef ta' Ġ.A.V. Għall-poeżija l-oħra, barra l-*Ġifen Tork,* ġbarna l-poeżiji tiegħu li kienu dehru fil-ktejjeb *Poesie Maltese ad uso della Scuole Primarie* (1852) li fihom, kif qal il-Kan. P. Pullicino, Direttur tal-Iskejjel, Ġ.A.V. flimkien ma' L. Mifsud Tommasi għen l-istudju tal-Malti billi ttratta ħafna suġġetti b'metru ta' bini u qisien differenti. Ġbarna wkoll il-poeżiji li hemm fil-kotba tal-1843 u tal-1851 li semmejna kemm-il darba f'dan l-istudju. Barra dawn ġibna xi poeżiji li kienu deħru fil-gazzetti ta' dak iż-żmien u li baqgħu ma nġabrux, ngħidu aħna *The Simplest Charm Prevails*, qlib mill-Ingliż li deher fil-*Calypso* tas-17 ta' April, 1847, *Dies Irae Dies Dies Illa* mill-*Ward u Zahar* (It-Tieni Sena, Novembru, 1866) u *Tifħir lill-Primadonna Ġużeppa Sedelmajer* mid-*Democrito* (Nru. 53) ta' Jannar, 1843.

Dwar din l-aħħar poeżija aħjar ngħidu mill-ewwel li kienet ħarġet taħt psewdonimu, imma minn xhieda interna dehrilna li hi ta' min igħoddha bħala ta' Ġ.A.V. Hemm l-istess vers ta' tmienja li kien iħobb juża, fiha espressjonijiet li niltaqgħu magħhom ta' sikwit fil-poeżija tiegħu, ngħidu aħna, in-negativ mingħajr l-*x* mal-verb e.g. *ma jitgħaxxaq,* li ma nsibux dejjem fil-poeti l-oħra ta' żmienu; jonkella żewġ verbi wara xulxin fil-bidu ta' vers, e.g. *Tidħak, tibki ġġagħlek magħha.* Barra minn dan nafu li Vassallo kien dilettant ħafna tat-teatru u 'l hawn u 'l hinn fil-poeżiji tiegħu nsibu bċejjeċ minn opri maqlubin bil-Malti u mdeffsin fil-versi, e.g. fil-poeżija *Tas-Sliema,* jonkella jsemmi l-isem ta' romanzi u dwetti mill-opri, e.g. fiċ-ċajta *Namrat* fejn insibu l-isem tad-dwett *Se tradirmi tu potrai* u *Verran-*

(22) *Mogħdija taż-Żmien f'Ilsien Malti*, Malta, 1843, p. 4.
(23) *Ħrejjef u Ciait bil Malti ecc.* 1895, p. 5.

*no a te sull'aura*, minn "Lucia di Lammermoor", din ta' l-aħħar maqluba għall-Malti f'*Tas-Sliema*. Fl-aħħarnett fl-istess gazzetta *Democrito*, u sewwa sew fin-nru. 65 tad-19 ta' Awwissu, 1843, dehret poeżija *Il-Kalkara*, li fil-ktieb *Għal Chitarra* dehret imbagħad taħt l-isem *Tas-Sliema*.

Din twassalna għal ħaġa oħra li tolqtok fil-poeżiji ta' Vassallo. Issib iktar minn waħda mdaħħla f'ġabra taħt isem u mbagħad tidher x'imkien ieħor taħt isem ieħor. Hekk, barra din ta' *Tas-Sliema*, li meta dehret taħt l-isem *Il-Kalkara* kellha t-tieni biċċa mill-opra nieqsa, insibu wkoll il-poeżija *Il-Għarusa ġol-Kalkara* li fil-ktieb *Għal Chitarra* tal-1851 kellha l-aħħar strofa nieqsa minn kif kienet fil-*Mogħdija tal-Żmien* tal-1843. *The Simplest Charm Prevails*, barra milli fil-ġurnal *Calypso* li semmejna, insibuha wkoll fil-ktieb tal-1851, u *Il-Port ta' Malta* li aħna hawnhekk ġibna għaliha waħidha, insibuha mdeffsa fil-poeżija *Lapsi*, maħruġa fil-ktieb tal-1843, u fil-poeżija *Mawra sa Rnella* f'dak tal-1851. Fl-ewwel waħda s-*setting* huwa l-Kalkara, f'tat-tieni l-Irnella u hemm xi versi mibdula.

Sa hawn irnexxieli niġbor sal-lum. Ma nistagħġibx jekk jiġi xi ħadd igħidli li hemm poeżiji oħra ta' Ġ.A.V. bil-Malti li għadhom mhumiex miġbura. Taqla' qalbek tqalleb il-gazzetti ta' dak iż-żmien biex aktarx ma ssib xejn, jew jekk issib ma tkunx taf li tiegħu għax anonima u titħawwad jekk għandekx tgħid li tiegħu bla provi. Imbagħad mhux dejjem issib il-poeżiji Maltin fil-gazzetti u ġurnali bil-Malti. Għandek mnejn issibhom f'ġurnal bit-Taljan, bħalma sibna. Għalhekk il-qarrejja mitluba li jagħdruna jekk ħarbitilna xi waħda. B'danakollu nittama li dil-ġabra hi biżżejjed biex wieħed japprezza l-ħidma litterarja tal-ewwel liriku Malti. Għal ħaddieħor inħallu l-apprezzament estetiku tal-poeżija tiegħu.

Il-Furjana — Ġ. Cassar Pullicino.
5 ta' Diċembru, 1949.

## IL-BNIEDEM FID-DINJA

Aħna niġu ġewwa d-dinja
Bla ma naħsbu u la nitkellmu,
Xinhi d-dinja iżda nagħarfu
U bil-biki lilha nsellmu.

Hi tgħidilna: "Uliedi, minni
Ser ikollkom biss taħbit;
Toqogħdux tistennew hena,
Jien ma fini l-ebda ġid".

Qabel jibda t-taħbit tagħna
Aħna nħabbtu missier w omm,
Dak irid jaħseb għalina
Biex fix-xaba' lilna jżomm;

W ommna wara li ħalibha
Tkun bil-ħniena lilna tat,
Bina jkollha tibqa' mħabbta
Għax bla għaqal u bla q'għad.

Sakemm għaqal ma jiġina
Fiż-żgħurija mhennijin
Aħna nibqgħu: kemm indumu?
Malajr jaqgħu fuqna s-snin.

U ibda tħabat! fqir u għani
Għalik hena iżjed ma hemmx:
Din hi l-liġi — Għandu jbati
Kull min jimxi taħt ix-xemx.

Liema bniedem qatt fid-dinja
Xinhu l-hena jista' jgħid?
Nara lili u 'l ħaddieħor...
Kulħadd għandu xi taħbit.

Min qal hena l-ewwel darba
Ma qalux għax jaf xinhu;
Xebbhu f'rasu, xtiequ f'qalbu
Iżda qatt ma ġarrbu hu.

## IŻ-ŻGĦUŻIJA

L-isbaħ biċċa ta' ħajjitna,
Kif igħidu, hi ż-żgħużija,
Għax saħħitna, għax ħilitna
Fiha tikber, tieħu qies;

Iżda hena, iżda sbuħija
Ma fihiex kemm tgħid in-nies.

Hekk kif f'wiċċna tidher tibda
Xi turija l'aħna kbirna,
Il-qalb tagħna tħoss xi ġibda,
U tkarkarna fejn hi trid:

Deni jitla' għal sidirna,
Li bla għaqal naħsbuh ġid.

Xi daqsxejn ta' mħabba fina
Hawn titwieled, li bil-ħlewwa
Naraw aħna li tħennina,
X'jiġi minnha ma naħsbux;

Għomi, meta tidħol sewwa,
Ħlief taħbit ma naqilgħux.

Iżjed nikbru u jaħtiġilna
Nibdew naħsbu għall-ħobż tagħna,
L-akbar ħsieb illi jaslilna
Huwa da' u ma jħalliniex,

Għaliex min ikun jitmagħna
Id ġol-oħra ma jridniex.

Tal-idejn, tal-moħħ xi għelma
Niesna trakhom iqabbduna,
Tal-imrar nixorbu l-ilma
Sakemm nieħdu xi tagħlim;

L-imgħallmin meta jerħuna
Ma jkollniex ħlief xi tilqim.

Henjin aħna jekk f'xi drawwa
Iż-żgħużija ma ġebitna;
Tad-drawwiet il-ħżiena l-qawwa
Naraw tiġbed bosta wħud:

Il-ħżunija wisq għalbitna
U sa ż-żgħir biha meħud.

Bl-ebda għaqal moħħna mtajjar
Tgħid in-nies illi tarana;
Ah, kemm drabi ġewwa mgħajjar
Ikun fina ma nurux!

Lilna n-nies taħseb ferħana
U x'joqtolna ma jafux.

Għalaqt ħamsa u għoxrin sena
Jiena immela fiż-żgħużija,
Iżda fejn u fejn hu l-hena?
Min jurini tiegħu t-triq?

Hemm, taħbit kienet għalija,
Li naqbiżha fis nixtieq.

## IŻ-ŻGĦURIJA

O żmien ħelu, kif għaddejtli,
Żmien ta' meta kont bla ħtija!
It-tifkira biss ħallejtli
Biex il-għira nħoss għalik:

Int ma targa' iżjed għalija,
U sal-mewt indum nibkik.

La taħbit, la ħsieb għall-ħajja
Fiż-żgħurija ma jgħabbina,
Ma tnikkitna l-ebda ġrajja,
L-ebda għali, l-ebda hemm;

Kollox ward ikun għalina,
Xewk għal qlubna ma jkunx hemm.

Kollu wieħed jidlam, jisbaħ,
X'inhu llum ebda ma nfittxu,
Nittennew l-għada jkun isbaħ,
Bla ma naħsbu x'jista' jsir;

Għal kull xejn tarana nżiġġu,
Għal kull ħaġa qalbna ttir.

Sajf u xitwa fiż-żgħurija
Il-qalb dejjem hienja żżommha,
Tgħaddi fuqna x-xemx qawwija,
Jew tal-kesħa jgħaddi r-riħ...

Ma jiksirna ħard la għomma,
U kull żmien naraw sabiħ.

Iżda x'ħaġa! fiż-żgħurija
Ma nintebħu xejn bil-hena
Li bih qalbna tkun mimlija,
Ma nagħarfu deni u ġid:

Wara l-erbatax-il sena
Dik il-ħajja kieku trid.

O żmien ħelu, għax bis-serqa
Tgħaddi w tmur bla ħadd ma jsibek?
Bħala leħħa minn' ta' berqa
Għaddejt fuqi u ġejt meħud:

Li kont nista' nerġa' nġibek
Kieku fik irrid immut.

## IS-SENA L-ĠDIDA

Is-sena l-ġdida daħlet; Alla jtina
Illi tajjeb sal-aħħar intemmuha,
U l-hena nitolbuh illi jurina
Sabiex mill-isbaħ snin aħna ngħodduha.

Ikun għamilna fejda u ġid għalina
Biex bil-qalb kollha fl-aħħar inberkuha;
Biss għamil tajjeb jidher dejjem fina,
Mn'idejn Alla kull ħaġa wkoll neħduha.

Qawwa l-marid, sabar il-fqir, u sliema
Ikollu l-baħri biex il beltu jara,
Il-għonja dawl, u xogħol il-ħaddiema.

Bħal aħwa nieqfu ma' xulxin, kif Alla
Jitlob mill-bniedem, mimlijin bil-ħrara
Wieħed għal ieħor, kif miktub Hu ħalla.

## L-ARMLA

Bil-hemm, bil-biki d-dinja wisq mimlija.
Għodwa ma tisbaħ li ma jikbi ħadd,
Kif kulljum nara jien, u drabi fija.

Daqqa dak, daqqa dak, iżda kulħadd
Kellu, għandu, jo jkollu jwaġġa' qalbu,
U ħadd ma jgħid — "Ma bkejt, ma nibki qatt".

Min dak l-hemm, min dak l-uġigħ isallbu,
Hieni min jista' fis jeħles minn hemmu,
U fih ma jibqa' sakemm wisq igħallbu.

Fost l-akbar weġgħa l qalb li nistgħu nsemmu,
Jien nara meta r-raġel titlef mara
Li kienet biss titgħajjex b'għarqu u demmu.

Dit-telfa hi wisq, li minnha jiġi wara
Hu ħaġa triegħed; omm fqira, miskina......
Fuq uliedha min qatt jista' jsabbarha!......

Jekk Alla ma jħarisx ħarsa ħanina
Fuqha mis-sema, ħadd ma jkun għaliha,
U x'inhu l-akbar hemm l-armla turina.

Tara kulħadd iwarrab u jħalliha,
Dawk li dari ta' ġewwa lkoll jitbiegħdu,
U saħansitra niesha l-ġenb tatiha.

Jista' jkun, dawn għall-ewwel lilha jqiegħdu
F'xi tama, iżda ftit ftit jibdew jerħuha,
U jonqsu f'qasir żmien minn kull ma wegħdu.

B'xi kliem il-barranin biss iserrħuha;
Il-għonja tittamaha, u l-kbarat
Mitlubin għal xi faraġ, ma jagħtuha.

Xinhu li trid min-nies qatt ma tkun rat
Għadha l-imsejkna, u ġġarrab il-mistħija,
Li ġġib fil-qalb uġigħ li ma jingħad.

Għal uliedha bla ġid, bla snien, bla ħtija
Tħabrek sabiex fil-ġuħ lilhom ma tara,
U kemm tista' tbegħidhom mit-tbatija.

Tikber ġo qalbha għal uliedha l-ħrara,
Għax tieħu s-sehem li għalihom kellu
Missierhom, qabel lilha ġrat il-ħsara.

U t-tfal f'idejha biss ruħhom iwellu,
Ma jgħarfux fid-dinja ebda għajr lilha:
B'xi faraġ minnha biss huma jibtellu.

Uh, għal qalb l-armla kemm, kemm hi qalila,
Xħin trid uħidha taħseb għall-iltiema,
U għal wisq ħteġijiet nuqqas jiġilha!

U jekk għall-ħobż it-tfal tibki quddiemha!
U jekk ilħamhom jidher?...... O Mulejja,
Int għixt fid-dinja fqir, int isma kliemha!

Niskot, għaliex id-dmugħ wasal f'għajnejja.

## IŻ-ŻAGĦŻUGĦ U X-XIĦ

Żagħżugħ lix-xiħ: — "Li kont felħan kemm merħi,
Kieku kont ittih xebgħa lil Sansun".

U lilu x-xiħ: — "Li kellek għerf kemm bluha,
kieku egħref int bil-wisq minn Salamun".

Ma għandna qatt niddieħku
Bix-xjuħ li xejn ma tfittxna,
Għaliex wisq drabi jiġri
Li d-daħka tibqa' f'wiċċna.

## BIDU MALTA U ĠENSHA

Minn xħin Alla d-dinja ħalaq
Bl-iġbla għaliha u l-ilmijiet
Ilha Malta, li bħal kewkba
Donna waqgħet mis-smewwiet.

Qabel l-ilma d-dinja għarraq
Malta kienet mal-art kbira,
Qawwet l-ilma din l-art forqot,
Malta ngħażlet u sfat gżira.

Għadda ż-żmien, minn riġel bniedem
Baqgħet Malta bla mirfusa,
Biss ix-xemx kienet iżżurha,
Biss il-baħar kien ibusha.

Hemm min jikteb illi f'Malta
Ġens il-ġganti l-ewwel dam,
Nies b'għajn waħda: xej' ma nemmen,
Ma rridx nimxi ġewwa d-dlam.

Ftit Feniċi ħallew bliethom
U bejn sema u ilma għabu;
Nies qalbiena, nies baħrija
Resqu f'art, u 'l Malta sabu.

Fuqha niżlu u għarrkobbtejhom
Iżżew ħajr lix-Xemx Allahom;
Raw li l-art sabiħa u tajba,
Li jżommuha malajr tahom.

Baqgħu fuqha, l-art bdew jaħdmu
Li qamħ tathom u ħaxix;
U b'hekk Malta lilhom qalet:
Ja Feniċi, tħallunix!

Qagħdu żmien u lilha għanu
Bil-għerf tagħhom, bid-dirgħaj',
Fi ftit snin imtliet il-gżira
B'elf bejjiegħ u b'elf ragħaj.

Kienu n-nies li lilna ġennsu
Il-Feniċi qalbenin;
Min ilumni jekk inxandar
L'aħna minnhom imnisslin —

U nixbhuhom?... nies ħaddiema
Nies ħawtiela 'l ġensna bdew,
U l-Maltin mad-dinja kollha
Għal dal-ħwejjeġ jissemmew.

## TIFĦIRA LIL MALTA

Int sabiħa, o Malta tagħna!
Mhux għax Malti nfaħħrek jien;
Issemmik id-dinja kollha,
Magħruf ġmielek kullimkien.

Imgħottija bl-isbaħ sema,
L-ogħna dawl ix-xemx tatik,
Ma xxawtekx, bil-ħlewwa ssaħħnek,
Ġid iġġiblek u tqawwik.

Fik il-bard lil ħadd ma jikser,
Meta x-xemx tgħaddilek bgħid,
Ma jiġix inhar tul sena
Illi ma jsaħħnekx xi ftit.

U l-art tiegħek kull ma tagħmel
Kollu tajjeb, kollu bnin;
Ġewwa bliethom il-frott tiegħek
Jixtequh wisq barranin.

Illi l-ġid bil-wisq tatina (*)
Qaluh fl-ibgħad żmenijiet;
F'lli tagħti għad li żgħira
Tisboq il bosta artijiet.

B'kull tifħir, o Gżira mbierka,
Il-għorrief semmewk, kitbuk;
Għal insiġ idejn uliedek (†)
Elfejn sena ilu faħħruk.

Liema ħaġa li fik tinbet
Tieba u benna ma turix?
Il-larinġa, il-frawla tiegħek
Min fid-dinja ma jsemmix?

---

(*) Fertilis est Melite, sterili vicina Cosyrae — Ovid.
† Ciċero: In Verrem, 4.

U x'ingħid mill-għasel tiegħek,
Liema bniedem ma jfaħħrux?
Jekk iduru d-dinja kollha
Oħla minnu ma jsibux.

Fik il-qronfla, fik il-warda
Biex tħawwilhom l-anġli ġiet;
Imkien ġmielhom, imkien bħalhom,
Fihom riħa tas-smewwiet.

Ġewwa fik, o Gżira tagħna,
Ħlief il-ħlewwa ma tidhirx;
U kif le, jekk ismek, ismek
Ħlief il-għasel ma jfissirx?......

### IL-PORT TA' MALTA

Fost il-ħwejjeġ sbieħ li għandna
Għandna l-Port bil-wisq imfaħħar;
Mhux għal xej' tara l-barrani
Li għal ġmielu jibqa' msaħħar.

Mill-iswar li lilu jdawru
Ma tikxiflu kullimkien;
Ġo fih tara bħala dgħajjes
L-isbaħ, l-ikbar, l-aqwa ġfien.

Tul u wisa' u ilma għali
Fih kemm trid u kemm tixtieq,
Sa minn barra tasal ġewwa
Tista' tgħid l-ixxabba' t-triq.

Ġewwa fih għad li Port wieħed
Inti tara erba' daħliet,
Li jgħodduhom fi bliet oħra
Sa mill-isbaħ portijiet.

L-ogħla swar, l-iżjed qawwija
Ġewwa nofshom igħalquh,
Jekk xi għadu jrid fih jidħol,
Minn wisq bgħid huma jżommuh.

Ara x'dell fil-baħar waqqgħu
Ta' Sant'Anġlu l-għolja swar,
Ħalli jersqu taħt ħitanek,
O Sant'Anġlu, ġ-ġfien il-kbar!

Dwar l-elf sena ilhom mibnija
U mfaħħrin dawk il-ħitan;
Meta nbnew l-Ewropa kollha
Ma kelliex kastell bħal dan.

F'nofs il-Port Sant'Anġlu l-qawwi
Bħala ġgant li jindukrah;
Ir-Rikażli l barra minnu
Sabiħ qawwi wkoll tarah.

Ma nsemmix ebda ġmiel ieħor.
Li f'dal-Port jien nista' nsib:
Iżda lè sbuħija kbira
Xi ħaġa oħra l'lu ġġib.

Hu sabiħ, iżda ġmiel iżjed
U iżjed żina min jatih?...
Huma ġ-ġfien tal-Ingilterra
Meta jkunu ġewwa fih.

Lejhom ħares, lilhom tara,
Bħala slaten minn tal-baħar,
Tgħid ikollok: "L-Ingilterra
Tassew għandha biex tiftaħar".

Tara dieħla l-"Queen Victoria"
Donnu l-Port ferħan jilqagħha;
Hi fi' ġmiel, u żżidlu żina
U hu jkabbar il-ġmiel tagħha.

Tara Ġifen minnu ħiereġ
Taħt il-qlugħ bojod ħamiema,
Ilma l-Port quddiemu jilgħab
U tistħajlu jtih is-sliema.

Ġo dal-Port iġ-ġfien qawwija
Ta' Vittorja (li tħennina!)
Ġo dal-Port minn mindu daħlu
Alla laqqa' l-ġmiel maż-żina.

## TAS-SLIEMA

Art imżejna bit-thennija
O tas-Sliema, narak jien:
Fik il-ferħ, l-imbierek hena
Nara jgħammar kullimkien.

Fejn il-għorof dari jidhru
Tal-imsejken, tas-sajjied,
Illum bini mqejjes jidher
Bis-sbuħija tal-ibliet.

Ġonna u baħar, o żewġ ħwejjeġ
Mixteqin minn bosta nies!
Sbieħ il-ġonna, ihenni l-baħar,
Ma flimkien kemm huma għeżież!

Xatt il-baħar f'dawl il-qamar
Tara joqgħod lil kulħadd,
Min idoqq u min igħanni
Ġenna jsir tarah ix-Xatt.

U minn hawn, minn hinn, tismagħlek
Għana mqejjes fuq id-daqq,
Illi l qalbek ikabbarlek
U jhennik ta' tabilħaqq.

Tisma' l-għana tal-imħabba
Li jnebbaħlek it-tifkir
Ta' xi żmien li fih bil-ġwienaħ
Tal-imħabba kont ittir.

Tisma' leħen kollu mbikki
Ta' xi waħda mix-xbejbiet,
Li ttawwallek fuq il-kordi
Bl-akbar ħlewwa dal-kelmiet:

"L'lek ir-riħ iwassal*
Il-kliem ta' nar l-imħabba;
Ftakar fl-għajjat tal-baħar
L-uġigħ li f'qalbi trabba,

* "Verrano a te sull'aura" Lucia di Lammermoor.

X'ħin taħseb li għall-biki
Tajt ruħi u għat-tneħid.
"Dal-ħatem biki jġiblek
X'ħin tħares lejn di' l-id!

"Lejn is-sema int ftaħt il-ġwienaħ†
Ruħ maħbuba, kollok żina!
Lejja ħares b'għajn ħanina
Jitla' ħdejk min tigħak kien!

Jekk il-qilla tal-bnedmin
Lilna ġiebet dana kollu......
Jekk fl-art konna mifruqin,
Ġos-sema nkunu flimkien!"

Kif tħoss qalbek tibki u toħla
Jekk f'dil-ħaġa drabi wqajt,
Jekk int kellek xi maħbuba
Li għall-aħħar darba rajt.

Mhux il-għana biss le tisma'
Li jnebbaħlek ħsieb qalil,
Tisma' wkoll bi ħlewwa kbira
Ta' tħennija u ferħ taqbil.

L-isbaħ daqq u l-isbaħ għana
Ġo tas-Sliema tisma' tmur;
Fuq dik l-art mis-sema mbierka
Tas-sajf ġranet jidhru x-xhur.

O tas-Sliema! dan il-hena
Tati l dawk li jgħammru fik;
U billi int tħenni lilhom
Kull foħrija jien nagħtik.

---

† Tu che a Dio spiegasti l'ali ecc.

## IS-SULTAN LA VALETTE

### Lill-Belt Valletta

Belt ta' qalbi, binti ħelwa,
Jien minn qabri qomt narak;
Tagħarfux il-missier tiegħek
Li rabbiek u l-barka tak?

Għaliex ġebla fik ma nara
Illi xxebbaħ il-wiċċ tiegħi?
Fi kburitek għax insejtni?
X'kont tkun int li ma kienx driegħi?

Jien għalik (u tafu d-dinja)
Jiena kont l-akbar Sultan,
Jien għallejtek fuq bliet oħra,
Jien libbistek il-ħitan.

Min qatt kisrek minn x'ħin jiena
Lilek bnejt u qgħadt ġo fik?
Ħalli jgħidu wlied l-Imħammed
Li mitt darba ġew għalik.

Huma ġew u fuqek n'żlu
Minn xi xtajta bgħida mwarrba,
Ma xħin rtedu għalik jaħbtu
Ħadu l-mewt u ġrew għall-ħarba.

Is-sejf tiegħi ma kienx qiegħed
Fit-taqbida mal-kefrin,
Għad li xagħri kien tajjara
Kont quddiem il-quddemin.

Ta' San Ġwann it-tajfa kollha
Kienet miegħi ċċarċar demmha,
U fil-qatta l-ulied tiegħek
Bis-sjuf f'idhom jien rajt hemma.

U, Alla jbierek! liema ħila
Il-Maltin nisa ma wrew?......
Sa bit-trabi fuq dirgħajhom
Għat-taqbida magħna ġew!

Das-salib, l-imħabba tiegħek,
Kienu l-qawwa ta' dirgħajja,
U l-egħdewwa minn quddiemi
Jien ġerrejthom qtajja qtajja.

Dawk il-kiefra kienu jifhmu
Li jeħduk minn ġewwa jdejja
Xi ħadd iżda bis-sejf f'idu
(Ma jidhirx) kien jinsab ħdejja.

Kien San Pawl li lilek għammed
U fetaħlek dak il-ktieb
Li bih wemmnek kif Bin Alla
Biex jirbaħna fl-art inġieb.

U min sata' qatt jagħelbek
Jekk San Pawl ġo nofsna kien?
Hu għalik mis-sema qabeż,
U mill-art qbiżt għalik jien.

Aħna rbaħna u n-Nofs Qamar
Beka d-demm u mar jistrieħ,
Jien bqajt fik ferħan u hieni
Bħal Sultan u bħal rebbieħ.

Lilek bgħid ridt inżomm dejjem
Minn kull deni, minn kull hemm,
Ridt inżommok bħala Knisja,
Ma ridtx fik inxerred demm.

Ma n-Nofs Qamar ried ijassrek
U l-Quran ġo fik iġib,
X'kelli nagħmel jien missierek
Ħlief bid-demm ingagħlu jgħib?

Għalkemm ħdimt għalik, ja Binti;
Għal kemm kienet ħelwa l-ħkima,
Jien jidhirli li ma għandha
Tonqos fik għalija l-qima.

F'bosta wħud, ja Binti, tfakkar
Madwar swarek lill-barrani,
Ma 'k irid jara l-wiċċ tiegħi,
Fejn tibagħtu biex jarani?

Tajtek ġidi, tajtek għarqi,
Tajtek demmi, u kullma fija,
Biss nitlobok għal dan kollu
Tal-wiċċ tiegħi xi turija.

## IS-SULTAN WIGNACOURT U L-MALTIN

(*L-ewwel darba li rmiet il-għajn fil-Belt*).

### WIGNACOURT

Bl-ogħla ferħ jiena qalbi mimlija,
Għax ferħana l-qalb tagħkom qed nara;
Oh! tal-hena x-xemx telgħet għalija,
Għal dil-Gżira ta' Pawlu l-ħanin.

L-ilma hu magħna! d'n kienet il-ħrara
Tiegħi u tagħkom, ja wliedi Maltin.

### IL-MALTIN

L-ilma ġie, għall-ħniena t'Alla,
U issa lkoll bih nithennew,
Safi u tajjeb bħala qalbek
Li ftit slaten bħalha wrew.

Wignacourt, it-talb ta' qlubna
Jekk int għoġbok smajt u ħadt,
Wignacourt, l-isem kbir tiegħek
Ġewwa Malta ma jmut qatt.

### WIGNACOURT

X'inhu l-hena tas-slaten li bħali
Ħlief il-ġid tan-nies tagħhom, ja wliedi?
Billi nista' tarawni intom ħali
Ma' dil-Gżira, u rridilkom kull ġid:

Biss għalikom ta' qalbi l-ewgħiedi,
Wignacourt ihennikom irid.

### IL-MALTIN

Dak il-hena li tridilna
Quddiem Alla tmur issib:
Għax ħlas ieħor ma jiswielu
Min bħal tiegħek qalb iġib.

Jekk dil-belt mill-kbir Valletta
Ġiet maħluqa u minnu nbniet,
Iżda mgħammda bl-ilma minnek
Nistgħu ngħidu li hi ġiet.

**WIGNACOURT**

Is-salib illi f'sidri nġib jiena,
Li għalih ħlift inċarċar il demmi,
Ma jgħallimni ħlief tieba u ħniena,
U għalhekk m'għamilt żejjed jien xejn.

Lil Valletta l-Maltin għandha ssemmi,
Sultan bħalu ma jsibu f'elfejn.

**IL-MALTIN**

Jħennih Alla fis-sema
Għalli għamel, għalli ta,
Qalbu tajba, qalbu kbira,
Dak l'imissu s'issa ħa.

Iżda miegħu l-isem tiegħek
Għandu jimxi fil-qarib;
O Valletta, o Wignacourt,
L-isem tagħkom qatt ma jgħib.

**WIGNACOURT**

'Ma nitlobkom tinsewx lil dawk kollha
Lil għall-ilma ħabirku wkoll miegħi,
Maltin għonja li ġewni bil-folla
Jagħmlu jdejhom għan-nefqa tal-flus:

Ma rridx flus t'ebda ħadd! bil-flus tiegħi
L-ilma rrid, u l-għajn ninżel inbus.

**IL-MALTIN**

Kemm imħabba nistgħu nġibu,
Wignacourt, għandna għalik,
Għalli għamilt fil-Gżira tagħna
Fis-smewwiet Alla jħennik!

Wignacourt, it-talb ta' qlubna
Jekk int għoġbok smajt u ħadt,
Wignacourt, l-isem kbir tiegħek
Ġewwa Malta ma jmut qatt.

## MANNARINO

*Storia dei prischi tempi a che sull'ali*
*Col fosco velo innanzi a me t'arresti?......*
*.................................................*
*Ma ti resisto indarno... seco m'assali*
*Dei casi antiqui cui pensier funesti.*
(Ximenes. Narranza di L. De Caro).

### I
### MANNARINU LILL-MALTIN

Maltin, ersqu...! ħudu kliemi,
Jien mis-Sema nħossni mħabbar......
Li ma nuri l-ħsieb li għandi
Lili ħadd ma jista' jsabbar!

Jekk ma tħossu fiex tinsabu
Innebbaħkom irrid jien,
Alla tani dawl biżżejjed,
Tani qalb u tani lsien.

Ilha wisq marida qalbi
Fuq li ġralha din il-Gżira......
F'kelma waħda rrid ingħidu
Aħna lsiera, Malta lsira!

Dawna r-rhieb li fuqna jaħkmu
Kull ġieħ tilfu, kull mistħija!
Jekk għat-tieba ħrara kellhom
Ilu żmien li ġiet mitfija.

Il-wegħdiet tas-Slaten mejta
Minn tal-lum ġew miksurin,
Il-jedd kollu ġewwa jdejhom......
X'jedd fadlilna, ja Maltin?

X'jista' l-Ħakem, x'jista' l-Isqof
Taħt il-qawwa tas-Sultan?
L-ebda jedd ma jistgħu jfaħħru,
Jagħmlu biss kif irid dan —

Kif irid il-*kelb ta' Spanja,*
Xiħ imtabba' minn kull dnub,
Dak Ximenes illi jgħatti
B'ġild ħarufi qalb ta' lup;

Is-Sultan u ta' madwaru
Mimlijin nara bil-ħjiena,
Kollox ġabru taħt idejhom
Mingħajr ħaqq u mingħajr ħniena.

Bl-ebda biża' kollox jagħmlu
Kull ħżunija, kull dnubiet;
Minnhom tibża' n-nisa tagħkom
Tibża' minnhom ix-xebbiet.

Min imur xi ħaqq jitlobhom
Lilu wiċċ ma jagħtu xejn,
Jekk għat-tieni darba jitlob
Isib ruħu... min jaf fejn!

Xejn timlew għajnejkom, ħuti,
Billi x-xaba' ntom taraw,
Għax b'dan biss narahom jaħsbu
Li dil-Gżira u lilna xtraw!

Ħobż jagħtuna, da nistqarru,
Fostna ħadd bil-ġuħ ma jmut:
X'jiswa l-ħobż, il-fidda, id-deheb
Jekk sa l-ħsieb għandna marbut?......

Jaħtieġ, l-aħwa, nuru rwieħna
Biex neħilsu l-Gżira tagħna
Minn dan-nies li bina qarrqu;
Nitma jien, Alla jkun magħna.

Naqilbuhom! Xejn la tibżgħu,
Ej ningħaqdu lkoll flimkien
U naħilfu li nġarrfuhom,
L-ewwel wieħed naħlef jien.

Kull min hu bin din il-Gżira
Għandu lilha demmu jagħti,
U min demmu lilha jiċħad
Quddiem Alla jinsab ħati.

Jekk it-toqol minn tal-jasar
Fuq irjusna kollu nġama',
Naqilbuhom! u mad-dinja
L-isem tagħna jmur jistama!

II.

## MANNARINU FIL-ĦADID

Le ma nwaġġa' għax fuq ġismi
Nħoss it-toqol tal-ħadid,
Jien għalik, ħanina Malta,
Iżjed mn'hekk nitgħabba rrid.

Iva jiena għal imħabbtek
Kollu ridtu mċarċar demmi!
Ridt ingħinek, iżda s-Sema
Għoġbu jżid u jkabbar hemmi.

Minn dan-nies li għar iġibu
Kemm lis-sejf kemm lis-Salib
Ridt neħilsek, iżda s-Sema
Ġewwa ħabs ried lili jġib!

Ma kienx daqq il-ħin immela
Li jiġġarrfu l-misħutin:
Jasal iżda, jasal, Malta,
L'aħna nkunu meħlusin!

Titla', fl-aħħar, nitma f'Alla,
Xemx mix-xefaq li tarak
Bil-ferħ kollu tibqa' ħielsa
Minn min jifhem illi xtrak!

Mannarino, min jaf iżda
Tibqax ħaj sa dak il-jum?......
U min jaf f'dal-ħabs mudlami
Għal kemm snin tibqa' miżmum?......

Sal-mewt nibqa! iżda qanpiena
Mejta mejta smajt f'widnejja...
Uh, jaħasra! għall-mewt jimxu
Dawk li lbierah kienu ħdejja!

Alla magħkom, ħuti, wliedi,
Li għall-mewt intom sejrin
Għax ħabbejtu wisq lill-Gżira,
Intom tkunu qaddisin!

Ghaliex jien ma ninsabx magħkom
Li kont fostkom l-ewwel wieħed?
Lil dil-mewt li għira ġġibli
Ghaliex jien kelli nittieħed?

Kabbru qlubkom, aħna Nsara,
Minn dil-art intom għall-Ġenna!
Nitma jien li Kristu lilkom
Ġewwa ħdanu qed jistenna.

O Mulejja, li fuq ghuda
Mitt sabiex il-jasar tħoll,
Af li dawn sejrin imutu
Għax il-jasar bagħdu wkoll!

Fis ilqagħhom ġewwa s-Sema
U għannaqhom bejn idejk,
Daqs kemm int qrib minn Missierek
Lilhom qrib iġbidhom lejk!

W int, o Malta, qatt la tinsa
Kullma għamilna mħabba fik,
Lil uliedek fakkar dejjem
Li kien hawn min miet għalik.

Jiena ridt inxerred demmi,
Xtaqt ukoll għalik immut!
Il-kefrin ħallewli ħajti
Biex jarawni hekk marbut!

Ma twaqqgħuni, għad li ridtu
Bil-ħadid ixxikklu l ġismi,
Mannarinu kont u nibqa',
Iregħidkom dejjem ismi.

Fl-aħħar tgħib il-kewkba tagħkom,
U terħuna, ja kefrin!
Jasal waqt li fih inkunu
Jien u Malta rebbeħin!

## III

## MANNARINU LIL BONAPARTI

Ġeneral, jekk Alla bagħtek
Sabiex tgħin lill-Gżira tiegħi,
Ħalli ninżel għarkobbtejja
Biex riġlejk inħaddan miegħi.

Meta l-ħabar wasal f'nofsna
L'inti riesaq lejn dil-Gżira
Kollha triegħdu l-kbarat tagħna,
F'qalbi jien ħadt ferħa kbira.

Dal-kbarat li fuqna jaħkmu
Jassru l Malta wil-Maltin;
Ħlief il-libsa xejn ma jġibu
Tal-kbarat il-lewlenin

Sjuf imsadda! ġfien u xwieni
Iżommuhom għall-foħrija,
Biex fis-sajf iduru dawra
Lejn il-Lvant, lejn Barbarija.

Xi xanbekk minn hemm iġibu
B'xi erba' Għarab imsejknin
Priża! Priża! u jbigħuhom,
Għax tbigħuhom, o kefrin...?

Illi bniedem ibiegħ ieħor
Fejn ħallieh Alla miktub?
Ġeneral, dan fuq l-Ewropa
Naraħ jiena l-akbar dnub.

Dejjem bgħadtu, u bgħadt ħaġ'oħra,
Li dal-ħabs qamet għalija,
Illi wieħed waħdu jaħkem
Bl-ebda lġiem, bl-ebda tmerija.

U fuq da magħluq haw' ġewwa
Ili bosta u bosta snin:
Għall-ħruxija ta' min jaħkem
Ridt inqajjem il-Maltin.

Ma stajtx naħmel illi f'Malta
Is-Sultan jagħmel l'irid,
U ġie f'rasi li b'taqliba
Jarġa' aħjar kollox minn ġdid.

Inti għaref f'dawn il-ħwejjeġ
Bonaparti, wieġeb lili —
Agħmilt jien ħażin jew tajjeb?
Liema għar issib f'għamili?

Kullma għamilt jien stqarrejthulek
Jekk f'dan kollu ssib xi ħtija,
Xih imjassar haw' quddiemek...
Dak li jogħġbok agħmel bija.

Iżda 'l Malta, Bonaparti,
Iżda 'l Malta taħqarhiex!
Dan jitolbok Mannarinu
U dit-talba tinsihiex.

IV.

### BONAPARTI LIL MANNARINU

Mannarinu; qabel jiena
F'Malta ġejt kont nisma' bik,
U fost ħsiebi wisq imqassam
Bosta drabi jien ħsibt fik.

Nistqarrhulek b'qalbi kollha,
Meta int ridt tixgħel il-Gżira,
Franza tiegħi kienet għadha
Ma stenbħitx min-nagħsa l-kbira.

U għalhekk, o Mannarinu,
Wiċċek ridt narah b'għajnejja;
Inti Raġel! ħalli ngħannqek,
Mannarinu, ġewwa jdejja!

Lilek Malta tista' tweġġeh,
Ta' Missier tista' ttik l-isem,
Sabbat fl-art edawk il-ħdejjed...
Holl u serraħ dak il-ġisem.

Inti ħieles minn dal-jasar,
Jien ma nsiblek l-ebda dnewwa;
Int urejt li tħobb il-bniedem,
Kullma għamilt xieraq u sewwa.

Gawdi 'l Malta bħal missierha,
Dana l-isem minnha writtu,
Ibqa' hieni f'Malta tiegħek,
(Jien immur nieħu l-Eġittu.)

## KLIEM TA' XIĦ

(*Minn "Lapsi"*)

Ixxalaw, ixxalaw, żgħażagħ,
Kemm bin-nhar u kemm bil-lejl:
Illum tagħkom u llum għoddu,
Xi jkun għada taħsbu xej'.

Kemm-il jum minn fuqna jgħaddi
Afu, wliedi, hu mirbuħ:
Iżfnu, doqqu, għannu, tqabżu
Kemm ittikom qalb u ruħ.

Sa kemm jibqgħu s-snin il-ħodor
Ix-xalar la titilfux;
Meta tmil is-sieq għall-ħofra
Tkunu tridu u ma tistgħux.

## LIL ĠANNINA

Għaliex qalbek sewda
Il-lejla, Ġannina?......
Ej', ej nagħmlu dawra
Flimkien, o ħanina.

Ġo sema kaħlani
Bil-kwiekeb miżrugħ
Il-qamar qed jiddi
Fi ġmielu merfugħ:

U b'dawlu tal-fidda
L-art kollha mimlija,
Emminni, Ġannina,
Thennik dik id-dija.

Is-sema ta' Malta
Kemm haw' min jixtieq!
Mhux wieħed barrani
Marid taħtu fieq.

Ilgħala mnejn qiegħda
Iżda inti ma tqumx?......
Mur, mur ilbes l-abjad,
O qalbi, u la ddumx.

Xejn titlef żmien f'xagħrek,
Maħlul hekk ħallih,
Bil-kemm bil-kemm ħelwa
Hemm fewġa tar-riħ.

Ħlief daqq il-kitarri
Is-skiet ma jiksirx;
U l-baħar il-lejla
Ħlief żejt ma jidhirx.

Imxi, imxi, Ġannina,
U mmorru sax-xatt,
Għal hemm nara nieżel
Jitfarraġ kulħadd.

Bħal art tad-djamanti
Il-baħar tarah,
Il-qamar fih jiddi
U l-ġmiel kollu tah.

Xi għanja nisimgħu
Mill-baħar fil-bgħid
U għana l-imħabba,
Ġannina, inti trid.

Jien qalbi nħoss togħla
Bil-ġmiel ta' bil-lejl;
Togħla iżjed la nkunu
Flimkien — hekk — it-tnejn.

Il-ġmiel ta' dil-lejla
Ma tafx kemm hu kbir,
Id-diqa kif toħroġ
Minn qalbek ittir.

Għall-qalb wisq għażiża
Hi lejla bħal din,
Bil-ġmiel tagħha tfakkrek
Fis-sema l-ħanin.

Ej, ejja, għad-dawra
Sejrin ix-xebbiet;
Ġannina minn qalbek
Tmurlek is-swied.

## IL-ĦANINA ĠOL-KALKARA

X'lejla din kemm hi sabiħa
Kif tistiednek għan-namur!
Bilġri, bilġri sal-Kalkara
Bil-kitarra ser immur.

It-tir spara, l-għaxra darbu,
Ara l-ħin kif qarraq bija!
Lejn il-Belt nara n-nies ġejja
Iżda aħjar, aħjar għalija.

O tad-dgħajsa, fittex aqla'
Għall-Kalkara l-pruwa dawwar,
Għax il-lejla lill-ħanina
Żewġ għanjiet feħsiebi nsawwar.

Fittex aqdef, fittex aqdef,
Il-ħanina tistennieni,
Tridx jewwilla niġi ngħinek
Sabiex nasal aktar kmieni?

Ma tinsabx għaġġla hekk kbira,
Daqs il-għaġġla tan-namrat;
Ta' għasfur jixtieq il-ġwienaħ,
Jew il-ħeffa ta' fatat.

Jien inħossni ngħinek b'qalbi
Meta tiġbed il-moqdief:
Haw' niżżilni... aktar mid-dgħajsa
Għandi jien riġlejja ħfief.

## IN-NAMRAT

Lejl tas-sajf bid-dawl ta' qamar
Isbaħ minnu le ma hemmx;
Ġejt haw' jien biex nara l-qamar?......
Le, jien ġejt biex nara x-xemx.

Lilek xemx insejjaħ, xbejba
Li għajnejja mlejt bid-dija:
Jekk tassew, kif turi, tħobbni,
Ixref ftit fil-gallarija.

## IN-NAMRATA

Narra ninsa r-rakkmu, l-ħjata,
Jekk ma nħobbx lilek, ħanini,
Għaliex iżda, kiefer l'inti,
Nistenniek s'issa tħallini?

Xi ħadd ieħor ġewwa qalbek
Forsi żammek sa dal-ħin?
Forsi dik li żifnet miegħek
Meta konna fl-aħħar żfin?

I.

Narra ninsa naqra u nikteb
Jekk ma nħobbok daqs għajnejja!
Lilek biss ħabbejt, u nħobbok
Sa ma l-mewt titfaċċa lejja.

Li ma nħobbx lilek, ħanina,
U la nista' anqas irrid.
Int jassartni, ma f'dal-jasar
Nara l-hena ta' kull ġid.

II

Nemmnek jiena billi f'qalbi
Għalik għandi mħabba kbira:
Ma kif nista' nħobbok sewwa
Bla ma nħoss għalik xi għira?

Dik il-ħalja, l-aħħar darba,
Miegħek miegħek donnha ruħ,
Baqgħet tiżfen, u jien f'rokna
Mort imlejt maktur bid-dmugħ.

I

Waħdek waħdek inti f'qalbi
Inti biss il-hena tiegħi,
Nikteb, naqra, nimxi... u f'kollox
Jien nistħajlek dejjem miegħi.

II

Tista' tagħmel int da' kollu?......
Xej' ma nista' nagħmel jien!
Nibki biss fuq il-kitarra,
Iżda qagħad ma nsib imkien.

I

Xi tkun tgħanni, ja ħanina,
Jien nitolbok, għidli ftit?
Jekk il-għanja tkun għalija,
Għandi l-jedd, nismagħha rrid.

II

Inkun nibki fuq xortija,
Inkun nidgħi lill-Kalkara
Fej' ma nista' kif jogħġobni
U f'kull ħin jien lilek nara.

I

Ħares ħarsa lejn Sant'Anġlu
Ara s-swar humiex qawwija;
Daqs hekk ieħor, o ħanina,
Int qawwejt l-imħabba fija.

II

Xhieda nġiblek ta' l-imħabba
Ruħi, u qalbi, is-sema wkoll.

I

Titfi n-nar li f'qalbna trabba
Biss il-mewt li kollox tħoll.

II

Bonosira, bonosira,
Ħobbni dejjem u aħseb fija:
Jiena bik il-lejla noħlom
W int il-lejla toħlom bija.

## QRONFLA LIL LWIŻA

Dil-qronfla tiftaħ
Qgħadt jien nistenna,
Qronfla mill-isbaħ,
Fwieħa tal-ġenna:—

Fetħet u qtajtha
Għalik, o Lwiża,
F'idejk tkun isbaħ
U ssir għażiża.

Ma l-għala f'wiċċek
Xegħlu l-wardiet?......
Għala l-mistħija
Fuqek irtmiet?......

Din il-mistħija
Fuqek għalfejn?
Li tieħu qronfla
Ma fiha xejn.

Mal-lewn imbierek
Li hekk igħinek,
Mal-ward ta' wiċċek
Li hekk iżejnek,

Dil-qronfla, o Lwiża,
Wisq tajjeb tmur;
Il-ward, il-qronfol
Fik jiġi jżur.

Ħudha, o sabiħa,
Ħudha mn'idejja!...
(Bil-ferħ idemmgħu
Sejrin għajnejja).

Kemm saret isbaħ
Minn xħin hi f'idek!
Ma kieku f'ħobbok
Tqegħidha rridek

Il-għaliex f'ħobbok
Toqgħod aħjar:
Ma l-għala rġajtli
Mill-lewn in-nar?......

O Lwiża, Lwiża,
Għali nħoss fija
Għaliex quddiemi
Int hekk mistħija.

Ma dmiri nagħmel
L'int ma tibqax
Biex lilek iżjed
Hekk ma narax.

U biex ma tistħi
Jien indarrik,
Jew ward jew qronfol
Kulljum natik.

## WARDA LIL LWIŻA

Tgħidlix lè milli nitolbok,
Jekk x'imħabba tħoss għalija:
Nitolbok mn'idejja tieħu
Warda tfuħ, warda Maltija.

Mhux għaliex warda fi ġmielek
Tista' żżidlek, o Lwiżina;
Ġmielek kbir li xejn ma jonqsu,
Imma warda dejjem żina.

Kienet Venere s-sabiħa
Dejjem tiġbor l-isbaħ ward,
Kemm-il darba bih imżejna
Il-bnedmin lemħuha fl-art.

Inti ġmielek daqs ta' Venere:
Min ifissru għandu ħila?
Iżda lilek tixraq warda
Iżjed milli tixraq lilha.

Għaliex warda ġewwa jdejha
Kienet tixbah biss lil wiċċha;
Xi sbuħija ġewwa qalbha
Kont għalxejn, o Lwiża, tfittxha.

Iżda f'idek din il-warda
Lè biss wiċċek, qalbek tixbah;
U jekk ġmielek daqs ta' Venere
Qalbek, Wiża, għandek isbaħ!

## DOVIK U LIENA

Ġewwa ġnien illi fih mill-isbaħ siġar
Li bil-weraq ihennu l-art li taħthom
Għodwa waħda kien qiegħed bil-flejguta
Jgħaddi ż-żmien Dovik, żagħżugħ mir-raħal,
Li kien iħobb b'imħabba liema bħalha
Lil Liena, xebba li daqsinsew kellha
Ġmiel u mistħija f'wiċċha, wiċċ il-hena.
Dovik kull għodu kien jistenna lilha
Minn quddiem il-ġnien tgħaddi biex jithenna
B'ħarsa l'itiha, ħarsa ta' l-imħabba
U xi nofs daħka; hi għajnejha tniżżel
U hu jaraha ssir mill-lewn il-ġamra
U jġagħilha bħalkieku wkoll titbissem;
Iżda l-imħabba kienet lilu għalbet
Li ma sata' iżjed ma jkellimha u juri
Illi mingħajrha ma hu xejn fid-dinja.
Mela Dovik fil-għodwa li semmejna
Qata' li għandu lilha jwaqqaf, juri
L-imħabba li ma jista' iżjed ġo qalbu
Iżomm moħbija, x'irid ikun?... juriha.
Hu ġama' ħafna ward, waħda fuq waħda,
Dammu w rabtu bil-ħajta tar-raddiena,
Biex meta Liena tkun għaddejja, lejha
B'dil-ħannieqa f'idejh jersaq u lilha
Jkellem u jitkixxef dii-imħabba
Li qiegħda taħdem fih xi tmiem ikollha.
Biswit il-bieb tal-ġnien fuq xriek mar joqgħod
Biex sa mill-bgħid jilmaħ lil Liena ġejja,
U biex iż-żmien ma jarax twil għal xewqtu
Qabad igħanni għanja u kienet dina:

Omm il-ward, int, O Rebbiegħa,
L-isbaħ biċċa minn tas-sena,
Fik is-sema, l-art, il-baħar
Ġo l-imħabba kollhom hena.

Fik id-dinja tieħu l-ħajja,
Kemm-il ħaġa naraw aħna
F'kollox tidher is-sħuħija,
Biss bl-imħabba tkun mimlija.

Fiż-żmien tiegħek ix-xemx titla'
Bl-ogħla ġmiel tad-dawl minn tagħha
U bis-sħana ħelwa mbierka
Lill-imħabba tagħti saħħa.

Il-bnedmin, it-tjur, il-bhejjem,
Kollha jħossu ħaġa waħda,
U ħadd minnhom fik ma jista'
Lill-imħabba jagħmel ċaħda.

Il-ħaxix u s-siġar kollha
Ġmiel u ħdura jieħdu miegħek
U mill-art kull ma jitwieled
Iħobb donnu fiż-żmien tiegħek.

Iż-żagħżugħ bl-imħabba mimli
Fik iħoss li tikber qalbu
U jinġibed bl-akbar ħeġġa
Għala l-ħrara li tagħalbu.

Dan ukoll narah fl-agħsafar
Għax nifhimhom fili jgħannu
Dak il-għana biss ifisser
Li bl-imħabba huma jitħannu.

Jien ingħanni wkoll imħabbti
F'daż-żmien tiegħek, o Rebbiegħa,
Iżda x'naf... x'naf dil-imħabba?
X'naf tal-hena tiġix siegħa!......

Il-għanja ried itawwal, iżda lemaħ
Mill-bħid lil Liena ġejja, o ġmiel ta' Liena!
Wiċċ imgerbeb, għajnejn miksura suwed,
Fommha ħolqa, xufftejn ħarira ħamra,
Qamħet il-lewn ilħamha, tulha mdaqqas,
U f'dik il-għodwa (kien il-Ħadd imqaddes)
Ilbiesha kien sabiħ kif jixraq lilha.
Kellha f'rasha maktur abjad bħas-silġa
U ġlekk abjad ukoll li kien jirfdilha...
(Ma rridx ingħid, għax ix-xitan jindaħal:)
Ġeżwira ġdida li mill-ġenb lemini
Kienet mitbuqa b'żagarelli koħol,
U fuq drigħha x-xellugi mixħut kellha
Dublett ta' mitt lembuba, xogħol tagħha,
Imdaħħla fil-lemin kellha bixkilla
Mimlija ward u qronfol mill-lwien kollha,
Tfajjel ta' ġara magħha tmexxi kienet
U bih titwennes. Sa kemm laħqet Liena
Fejn Dovik lilha kien jistenna, dana
Jitla' u jinżel sikwit mal-ħsieb ta' moħħu
Daqqa jitbażża', jaqbad jimxi... jarġa'...
Fl-aħħar, kif mill-imħabba l-qalb titqawwa
Ġera għal fejnha u da' kien il-kliem tagħhom.

**DOVIK**

Aħfirli, aħfirli, Liena......
Ma da' l-erba' wardiet
Hudhom mn'idejja, Lien, f'ġieh is-smewwiet!
Wiċċek ma hux ħlief ħniena,
Issejjaħlix wiċċ iebes għax waqqaftek
Għax bħallikieku ħtaftek......
Iżda riġlejja wħidhom għalik ġrew
Hu da l-erba' wardiet, ħudhom iddew!......

**LIENA**

Jiena kont nifhem, ħija,
Li hi ħaġa ftit tqila
Li twaqqaf xebba hekk, ma kellek ħila!...
Il-ward int ġmajt għalija......
Ma ridtx kieku għal qalbek nuri qilla
'Ma ward għandi bixkilla:
Ilek bil-ħars xi ħaġa trid tgħarrafni
Ma darb'oħra, Dovik, xej la twaqqafni.

DOVIK

Dehritli ħaġa żgħira
Li natik dil-ħannieqa,
U nkellmek, ilha qalbi wisq mixtieqa!
Lien, teħodhiex bi kbira,
Għalik ġo qalbi trabba
In-nar, li ma nfissirx, ta' l-ogħla mħabba.

LIENA

Dovik, int qalbek miegħi
Ma kienx jixraq tiftaħha,
Għandi ommi, kellek tmur titħaddet magħha
Il-kliem tiegħek u tiegħi
Fieragħ, bla ġid jien nara,
U jista' lilna wkoll iġib il-ħsara.

DOVIK

Għad l'int ċanfartni, jiena
Bit-tama qed inħoss qalbi titgħalla.

LIENA

Lil ħadd ma ċċanfar Liena,
Kollox ikun jekk hu miktub imn'Alla.

DOVIK

Iżda ma nara ħtija
Li tiegħu dal-wardiet, ma jagħmel għajr...

LIENA

Biex ma tgħidlix kburija
Noħodhom, ġibhom haw, u niżżik ħajr.

LIENA

Jekk int għandek tgħix miegħi
Inkunu mhennijin.

## DOVIK

*It-talb tiegħek ma' tiegħi*
*Jisma' s-sema l-ħanin.*

Hieni Dovik mid-dinja xej' ma jfittex.
Tefagħha u laqat, ra li Liena tħobbu.
Fejn kienet sejra Liena hekk imżejna
F'dik il-għodwa? u għal fejn il-ward u l-qronfol?
Lejn Knisja kienet sejra fejn il-Festa
Kellha tintgħamel lill-Madonna: it-tajfa
Tax-xbejbiet kollha hemm kellha tinġama'
U kemm ward tagħti l-art żmien ir-Rebbiegħa
Newwlu x-xbejbiet sabiex il-Knisja jżejnu
U b'l-fwieħa jimlew, fwieħa tas-sema.
Dovik żmien ma tilifx; qalbu mar jiftaħ
Ma' raġel xiħ magħruf għat-tieba tiegħu,
U lil dan talab biex imur jitkellem
M'omm Liena u jgħarrafha b'dil-imħabba
Li ma kien fiha l-ebda għar jew tebgħa.
Omm Liena u dak ix-xiħ kienu wkoll xbejjen,
U dan kollu ferħan wassal il-ħotba
Lil bxintu li bil-ferħa lilu laqgħet.
Fuq Dovik tkellem, u, kif kien imissu,
Faħħru b'żagħżugħ mill-itjeb li fir-raħal,
Semma wkoll xi tumnejn li Dovik kellu,
Barra minn dak li għad k'Alla jrid, fuqu
Jaqa' wara għajn barbtu raġel għani.
Bil-għaqal kollu omm Liena żammet ruħha
U tweġibha ma tatx għall-egħrusija
Qabel ma rat il-fehma u l-qalb ta' bintha
U 'k għandhiex ġibda lejn Dovik. Mat-tifla
Tkellmet l-omm fuq ma qalla x-xwejjaħ xbinha
Iżda l Dovik la faħħret u la maqdret
Biet tara qalbha, u minnha tisma' sewwa
L'iva jew il-lè, jekk lilu tridx jew tbarri.
Għerf ma jinħtieġx biex tobsor Liena x'qalet
Meta ommha fuq Dovik kliem żammitilha:
Mistħija wieġbet, iżda għarfet ommha
Illi minn qalbha wieġbet. Żmien ma ntilef;
Ma' xbinha tkellmet l-omm, u ħbar il-ferħa
Intgħatat lil Dovik minn dak ix-xwejjaħ
B'dawn il-kelmiet: "Lewż u ġellewż ikollna
Bla ma ndumu, Dovik, Liena hi tiegħek!

Ommha qalitli li minn kliemha għarfet
Illi ma tridx ħlief lilek". Dovik thenna.
Ma' barbtu l-għani imbagħad fetaħ qalbu
(Dovik missier ma kellu u lanqas Liena)
U barbtu tqil ma sabx li lilu jżewweġ
Ma' Liena l-isbaħ xebba li fir-raħal:
Għal ommha bagħat u l-ftehima saret.
Ġie San Ġwann, u tar-rħula, kif kull sena,
Imżejnin il-Belt niżlu qtajja' qtajja'
Għall-Festa li fi żmien kienet tintagħmel
Bl-ogħla kburija u ferħ. Fost dawk kont tara
Żagħżugħ imdandan bil-għarusa miegħu
Imħennijin b'xulxin — Dovik u Liena.

## ŻEWĠ GĦARAJJES FI ĠNIEN

Ġewwa ġnien tal-isbaħ siġar,
Fost il-qronfol, fost il-ward......
Dawl il-qamar fuqu jiddi......
Tara kont ġenna tal-art!

Żewġ għarajjes mal-ħbieb tagħhom
Daħlu fih. il-hena żdied;
L-imberkin fuq il-kitarra
Hadu qabblu dal-għanjiet:

### L-GĦARUS

Ġmiel il-lejl kulħadd ifaħħar,
Qiegħed jien nithenna bih;
Iżda għandi xi ġmiel ieħor,
Li narah iżjed sabiħ.

Għandi lilek, Adelajde!,
Tal-imħabba għandi l-ħrara;
Għalhekk iżjed sabiħ jiddi,
Jien f'għajnejja qiegħed nara.

### L-GĦARUSA

Lejl u nhar għalija wieħed,
Sabiħ kollox nara jien:
Nara d-dinja kollha hena
Meta nkunu t-tnejn flimkien.

(Fadal).

# Werrej għas-Sena 1951


| | | Paġna. |
|---|---|---|
| Agius, Dr. E. | *Einstein* | 74 |
| Agius, Marju | *Lil Ħabibi Dwardu Bugeja* | 45 |
| Aquilina, Prof. G. | Editorjal | 1, 33, 65 |
| | Għaliex dil-Medjokrità? | 6 |
| | Il-Forma Grammatikali tal-kelma 'Malta' | 21 |
| Bugeja, Dwardu | *Lil Ħabibi Marju Agius* | 45 |
| Buttigieg Dr. A. | *Il-Qanpiena* | 12 |
| | *Ġesù u l-Ħaruf* | 16 |
| Camilleri, Dun Frans | *Is-Siġra tal-Laring* | 17 |
| Cassar, G.B. | *Meta?* | 11 |
| | *Bħal Ħolma* | 64 |
| Cassar Pullicino, Ġużè | Ġan Anton Vassallo | 49, 87 |
| Chetcuti, Borg | It-Teknika tar-Rumanz | 78 |
| Chetcuti, Ġużè | *Flotsam* | 10 |
| | *Id-Daħka tar-Rebbieħ* | 44 |
| Cremona, A. | Kummiedji bil-Malti mija u ħamsin sena ilu | 2 |
| Cutajar, Luret | Naqra ta' Mużew | 36 |
| Ellul-Mercer, Ġużè | Il-Midgħi | 5 |
| | Il-Għerf tal-Lum | 46 |
| Fenech-Adami, J. | In-Novella fil-Letteratura | 80 |
| Ghigo, G., S.J. | Kant Popolari bil-Malti | 84 |
| Gulia, Wallace | *Versi* | 13 |
| Mejlak, Joseph | *Suite* | 76 |
| Mifsud-Bonnici, Ugo | *Lill-Papà* | 14 |
| Mizzi, Marcell | Sunett (*Inferno*, Canto V) | 17 |
| | Hemm Bżonn ta' Magazine Malti | 69 |
| | Kitba għall-Flus | 71 |
| Muscat-Azzopardi, Ivo. | Jien Innifsi | 18 |
| Serracino-Inglot, Erin. | Fehmiet Ġodda fil-Kitba tal-Malti | 22 |
| Soler, Inez | Saħta (*qlib mit-Taljan*) | 72 |
| Tua, Giaċinto | Saħta | 72 |
| Vassallo, K. | *Il-Wied taż-Żebbuġ* | 74 |

S CICLUNAS BANK

S ERVICE

S ECURITY

S ECRECY

S AVINGS.

(ESTABLISHED 1830)

THE

# NATIONAL BANK

OF

# MALTA

## JAGHMEL OPERAZZJONIJIET BANKARJI TA' KULL XORTA

---

ISIRU TRASFERIMENTI TA' FLUS B'ITTRI JEW B'TELEGRAMM GHAD-DINJA KOLLHA.

JOHORĠU ITTRI TA' KREDITU U TRAVELLERS' CHEQUES U JINGHATAW IL-FAĊILITAJIET LIL KULL MIN ISIEFER.

IL-BANK JAHDEM MAL-BANEK PRINĊIPALI TA' L-AMERKA, AWSTRALJA U TAL-KANADA.

---

**IL-BORZA U D-DWANA - - - - - - - - - - IL-BELT.**

**IR-RABAT - - - - - - - - - - - - - - GHAWDEX.**

---

BANK MAGHQUD MIEGHU

## SCICLUNA'S BANK

MISRAH IL-PALAZZ IL-BELT.